# dawl Franġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



"Jien urejtkom x'għandkom tagħmlu..."

ĠUNJU/LULJU 2006 – IS-26 SENA – GĦADD 261 – NEWSPAPER POST – ISSN 1811-5373

# werrej

















3 **Jum il-Missier**
Editorjal

4 **Bibbja**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

9-11 **Missjoni**

12 **Esperjenza**
minn Emily Barbaro-Sant

13 **Messaġġ bil-Kant**
minn Laurence Attard

14 **Lejn Alla bl-Isport**
minn Joe Attard

15 **OFS**
minn P. Frans Abela Giusti OFMCap

16 **Ħajja Nisranija**
minn Tony C. Cutajar

18 **Ġustizzja**
minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D

19 **Klandestini f'Artna**
minn Bernard Cauci u Michael Grech

20 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

21 **Saħħtek**
minn Dr Tonio Piscopo MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

22 **Laqgħa tal-Franġiskani Kapuċċini Internazzjonali**

24 **Kultura Franġiskana**
minn Fr. Andrè Azzopardi OFMCap

26 **Kuba**
minn P. Philip Cutajar OFMCap

27 **Ġi.Fra.**
minn Rachel Gatt

28 **Kristjaneżmu**
minn Harry Agius Ordway

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Avviżi**



**Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14**





**Qoxra:**
**L-Ewkaristija, San Franġisk u s-Salib ta' San Damjan jiffurmaw collage maħdum minn Br Claudio Falzon OFMCap joffri messaġġ/stedina li lkoll aħna ta' qadi għal min hu fil-ħtieġa daqskemm ninsabu f'rabta mar-rieda ta' Alla simbolizzata fis-salib.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Viċi Editur**
Andrè Azzopardi OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.
Tel: 2144 0083

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



© Dawl Franġiskan 2006
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

# JUM IL-MISSIER



**Okkażjoni li niltaqgħu magħha matul ix-xahar ta' Ġunju hija dik ta' Jum il-Missier. Din l-okkażjoni fis-sena li qegħdin fiha tiegħu tifsira partikulari. Ninsabu fis-sena ddedikata lill-familja. Id-direzzjoni ta' Dawl Franġiskan issellem lill-missirijiet kollha bi stima u gratitudni. Nixtiequ li l-missirijiet kollha jifhmu li huma għeżież ħafna għalina lkoll, għall-Knisja u għan-nazzjon.**

Il-missirijiet li verament jgħixu l-vokazzjoni tagħhom, li mhux mingħajr sforz u xi drabi tbatija, jixirqilhom l-istima tal-Knisja u tan-nazzjon li mingħajrhom la għandna Knisja u l-anqas nazzjon.

Is-sejħa ta' missier hija ta' unur, imma ġġor magħha responsabbiltà kbira. Dan l-għaliex il-preżenza tal-missier fil-familja hija ritratt ħaj ta' x'inhu l-Mulej: Missier. Fil-fatt is-Salmista fis-Salm 89 jgħidilna: **"Hu jsejjaħli: Int missieri u Alla tiegħi, fortizza u salvazzjoni tiegħi!"** (S 89:27).

Fl-Evanġelju Ġesù jqaxxar il-karatteristiċi sbieħ ta' dan il-Missier. Dan il-Missier huwa ħanin u li jaħfer. Il-parabbola tal-Missier il-Ħanin (ara Lk 15:11-32) hija xhieda mill-aqwa kemm dan Alla, għax huwa **"Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ"** (2 Kor 1:3) jaf juri mħabba ma' wliedu li naqsuh b'mod ta' l-għaġeb.

Quddiem din il-viżjoni biblika ta' Alla Missier kull raġel għandu jagħmel ħiltu biex ikun għal martu u għal uliedu dak li l-Mulej hu għall-Poplu tiegħu. Mistoqsija li kull missier jistaqsi hija: **"Kif nista' inkun missier tajjeb?"** Se nsemmi ftit suġġerimenti prattiċi ta' kif raġel jista' ikun missier tassew.

**Missier ta' veru**

- **Jkun preżenti fil-ħajja tad-dar, speċjalment fil-ħajja ta' wliedu.**
- **Għandu joqgħod magħhom waqt li jagħmlu x-xogħol ta' l-iskola u jinteressa ruħu fil-passatempi tagħhom.**
- **Dejjem għandu jkollu ħin għalihom, l-aktar f'mumenti fejn l-ulied, sforz iż-żminijiet diffiċli li jkunu għaddejja minnhom, jistennew minn missierhom ħabib li miegħu jkunu jistgħu jiftħu qalbhom beraħ.**
- **Quddiem uliedu, il-missier għandu juri stima kbira lejn martu u ommhom billi minn qalbu juriha affett mill-aktar kbir.**
- **Bl-eżempju tiegħu, il-missier għandu jinkoraġġixxi lil uliedu biex jitkellmu miegħu u ma' xulxin b'rispett liema bħalu.**
- **Għandu jkun dak li jnissel f'uliedu dak is-sens qawwi tat-talb billi jitlob magħhom u għalihom, jiddixxiplinahom bil-kalma u bil-ħlewwa mingħajr ħafna għajjat u storbju.**

**U fl-aħħarnett,**

- **Missier għaqli huwa dak li jrawwem lil uliedu fir-responsabbiltà billi jgħallimhom imiddu jdejhom fix-xogħol tad-dar.**

**Ħalli kull missier jitlob din it-talba f'kull jum ta' ħajtu:**

*Mulej, għandi bżonn l-imħabba speċjali tiegħek. Bħal San Ġużepp, il-Missier tiegħek ta' din l-art, irrid inwettaq ir-rieda ta' Alla, anki jekk mhux dejjem nifhimha. Imlieni bil-ħlewwa u bil-ġenerożità fil-kura ta' wliedi u tal-familja tiegħi. Għinni ngħinhom fin-niket, fit-tbatijiet, fil-ferħ u fis-sabiħ tal-ħajja. Bħal Missieri tas-sema saħħaħni fl-imħabba u l-ħniena lejn dawk li għażiltni biex nieħu ħsiebhom. Ħadd ma jista' jagħmel dawn il-ħwejjeġ sewwa O Mulej, mingħajr l-għajnuna u l-ħniena infinita tiegħek bla ma taqta'. Kun dejjem miegħi, u jalla niġi ħdejk fis-sema flimkien mal-familja kollha tiegħi.* ***AMEN***



# Il-Paċenzja ta' Ġob

**Meta xi ħadd ikun se jtellfilna l-paċenzja, malajr naqbżu u ngħidulu: "Ejja, f'ġieħ il-paċenzja ta' Ġob! Imbagħad jgħidulek li Ġob ma kienx jeżisti, meta fost il-Kotba tal-Bibbja għandna wkoll il-Ktieb ta' Ġob. Imma Ġob hu persuna storika jew fittizja?**

L-espressjoni "paċenzja ta' Ġob" naqrawha fl-Ittra ta' Ġakbu (5-11). Aktarx ġejja minn traduzzjoni popolari tal-kelma hypomene, li tfisser "sabar" (GħBM). Din hi l-virtù ta' minn iżomm fis-sħiħ fit-tbatija bir-rassenjazzjoni u l-perseveranza. L-awtur tal-ktieb hekk jurih lil Ġob, għalkemm dejjem skond l-istess awtur, Ġob mhux dejjem ġieb ruħu u tkellem hekk. Skond l-awtur, ġie li tkellem tajjeb, ta' raġel rassenjat mar-rieda ta' Alla (1:21-22; 2:10); u ġie li gerger, ilmenta u seħet xortih (3:1ss; 6:2ss) Tassew li "kliem Ġob" hu kliem li l-awtur qiegħed fuq fomm Ġob biex bih fisser il-kobor tat-tbatija tiegħu. Mhuwiex kliem li qalu Ġob tassew.

Imma Ġob kien tassew persuna storika? Din hi l-mistoqsija tagħna. Fit-traduzzjoni tal-poplu Lhudi jissemma wieħed jismu Ġob li kellu fama ta' raġel tajjeb. Fil-ktieb tal-profeta Eżekjel jissemma flimkien ma' Noè u ma' Danjel (Danjel): **"Dawn biss salvaw ħajjithom minħabba l-ġustizzja tagħhom"** (14:14.20). It-tlieta kienu ismijiet ta' nies magħrufa u importanti fl-istorja ta' l-imgħoddi. Noè, il-magħruf protagonista ta' l-istorja tad-dilluvju; Danjel (jew Danel) kien magħruf f'leġġenda minn Ugarit; u Ġob kien figura magħrufa wkoll fit-tradizzjoni bħala raġel qaddis u tajjeb.

Eżekjel kien jaf b'Ġob minn tradizzjoni ġejja mill-qedem u mhux mill-Ktieb ta' Ġob li għandna fil-Bibbja. Eżekjel kiteb fl-eżilju tal-Babilonja u l-Ktieb ta' Ġob aktarx inkiteb wara l-eżilju. Imma Ġob, li jissemma fl-Ittra ta' Ġakbu, hu l-istess Ġob, il-bniedem tat-tbatija u s-sabar, li jissemma fil-ktieb li jġib ismu. Jiġifieri, raġel tajjeb jismu Ġob kien magħruf fl-istorja kif fuqu jitkellem l-awtur tal-ktieb.



Seta' kien ukoll figura leġġendarja u mhux storika, u fuqu l-awtur bena l-istorja sabiħa li ħallielna f'dan il-ktieb. Fl-aħħar mill-aħħar dak li jinteressana mhux l-isem tal-protagonista, iżda t tagħlim li fehem iwasslilna l-awtur bl-istorja tiegħu, ukoll jekk hi fittizja.

U tassew, bħala "storja" hi fittizja u drammatika. Din hi l-forma letterarja tal-Ktieb ta' Ġob. L-awtur kellu quddiem għajnejh il-problema tat-tbatija tal-bniedem u l-aktar tal-bniedem ġust u tajjeb. Kif nafu mill-paġni tat-Testment il-Qadim, din kienet problema tqila u iebsa għan-nies ta' dak iż-żmien – "għaliex ibati l-bniedem?" Għall-bniedem ħażin sabu l-kawża fil-ħażen ta' għemilu. Imma għall-kwistjoni tal-ġust li jbati ma sabux tweġiba; din baqgħet xi ħaġa li ma tiftiehemx quddiemhom.



L-awtur tal-Ktieb ta' Ġob ipprova jidħol fil-qalba tal-problema kbira. Ħa l-isem ta' Ġob, bniedem magħruf fl-istorja jew fit-tradizzjoni popolari bħala raġel qaddis u tajjeb. U bena madwaru storja sħiħa. Ippreponieh bħala bniedem li, minkejja t-tbatija tiegħu, bata u għadda minn kull xorta ta' tiġrib u tbatija. Taħt l-isem ta' Ġob sawwar dramm mill-isbaħ li qatt inkitbu, bit-tagħlima kbira fuq il-problema tat-tbatija tal-bniedem.

Imma tweġiba sħiħa ma jagħtix. Fl-aħħar, bil-kliem ta' Alla lil Ġob, jagħraf u jxandar li kollox isir skond il-ġudizzju u l-pjan ta' Alla. Hu biss jaf għaliex ibati l-bniedem, u l-bniedem tajjeb ukoll.

**"Trid int twaqqa' s-sentenza tiegħi, tagħti tort lili biex tieħu raġun int?"** (40:8)

It-tweġiba għall-problema l-kbira tat-tbatija, l-aktar tat-tbatija tal-bniedem tajjeb, jagħtihielna t-Testment il-Ġdid bir-rivelazzjoni tal-valur salvifiku tat-tbatijiet ta' Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla u l-Bniedem ġust li bata u miet bla ħtija tiegħu għas-Salvazzjoni tagħna l-ħatjin.

Ġob - persuna storika jew fittizja - hu dejjem figura tal-bniedem li jbati. Ġob hu kull bniedem, għax kull bniedem ikollu jbati għalih innifsu u għall oħrajn.

**"Jien issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja"**

Dan hu l-valur tat-tbatija fid-dawl tar-rivelazzjoni tal-misteru tat-tbatija, mhux ta' Ġob, iżda ta' Ġesù Kristu. •



# APPOSTOLAT TAT-TALB

***Intenzjonijiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għas-sena 2006.***

## L-OFFERTA TA' KULJUM

Alla Missier, noffrilek dan il-jum, bit-talb, il-ħsibijiet, il-kliem, il-ħidma, il-ferħ u t-tbatija kollha tiegħi f'għaqda sħiħa ma' Ġesù Ibnek, li jkompli joffri lilu nnifsu fl-Ewkaristija għall-ħelsien tad-dinja. Agħmel li l-Ispirtu s-Santu, li mexxa lil Ġesù, imexxi lili wkoll u jkun ta' qawwa għalija biex inkun xhud ta' l-imħabba tiegħek. Ma' Marija, omm il-Mulej u omm il-Knisja, nitolbok b'mod speċjali skond il-fehmiet tal-Papa għal dan ix-xahar.

## ĠUNJU

- **Biex il-familji Nsara jilqgħu b'imħabba kull tarbija li titwieled u li jieħdu ħsieb b'għożża l-morda u l-anzjani li jkollhom bżonn il-kura u l-għajnuna.**
- **Biex id-djalogu inter-reliġjuż u l-ħidma biex l-Evanġelju jkun adattat għall-kultura tal-post, jitqies mir-Rgħajja u l-Insara bħala servizz ta' kuljum li jippromwovi l-kawża ta' l-evanġelizzazzjoni tal-ġnus.**
- **Sabiex il-qima u l-imħabba tagħna lejn Ġesù fl-Ewkaristija jissaħħu dejjem iktar u ngħożżu dejjem il-valur tal-Quddiesa, tat-tqarbin u tal-preżenza Ewkaristika.**

## LULJU

- **Biex dawk fil-ħabs, speċjalment iż-żgħażagħ, jingħataw mis-soċjetà, l-appoġġ meħtieġ li jgħinhom jierġgħu jiskopru sens f'ħajjithom.**
- **Biex fil-postijiet tal-Missjoni, gruppi etniċi u reliġjużi diversi jagħrfu jgħixu fil-paċi ħalli flimkien jibnu soċjetà mdawla minn valuri umani u spiritwali.**
- **Sabiex it-tfal u ż-żgħażagħ, jinqdew bil-vaganzi biex jieħdu l-mistrieħ meħtieġ waqt li ma jittraskurawx id-dmirijiet reliġjużi tagħhom.**





# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

**Il-ħajja dejjem toffri spunti ta' riflessjoni minħabba l-fatt li fiha jiġru u jiżvolġu ruħhom ħafna ġrajjiet, sbieħ u koroh. F'din ir-rubrika dejjem nagħmel mill-aħjar li nista' biex inkun realistiku. Dan ifisser li nipprova npoġġi quddiem il-qarrejja tar-rivista tagħna fatti u xejn iżjed. Ħafna drabi jidhru negattivi, imma meta wieħed jirrifletti sewwa jintebaħ li huma realtà li tkun qed tiġri madwarna. Jekk ikunu qegħdin jiġru tassew, għaliex għandna nagħlqu għajnejna fuqhom u ma nikxfulhomx għawarhom biex ma jkomplux jagħmlu l-ħsara spiritwali u morali fil-qlub ta' ħafna bnedmin? Il-bniedem għandu mnejn jikkoreġi ruħu iżjed malajr malli xi ħadd iġagħlu jinduna bl-iżbalji li jkunu qegħdin isiru.**

## L-IRONIJA FIL-MEZZI TA' KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI

Dawk li jaħdmu fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, l-aktar dawk li jiktbu fuq il-gazzetti u jxandru minn fuq it-televixin, ħafna drabi jinqabdu f'kontradizzjonijiet li ma tistenniehomx minnhom. Xi wħud kważi jkunu jridu jċarrtu ħwejjiġhom huma u jikkummentaw dwar ċerti dnubiet li jsiru minn xi wħud kontra l-ambjent. Jirreaġixxu b'dan il-mod għax jemmnu qatigħ u għandhom raġun li l-ekoloġija hija xi ħaġa serja, kif fil-fatt hi. Jekk ma jkunx hemm difiżi naturali mbagħad żgur jiġru affarijiet diżastrużi f'dak il-pajjiż jew l-ieħor, bħalma ġieli nisimgħu.

Dawk l-istess artikolisti u preżentaturi mbagħad ma jħabblu rashom xejn, anzi jinsew għalkollox, ir-responsabbiltà morali li għandhom quddiem il-qarrejja u t-telespettaturi f'dak li jgħidu jew juru f'partijiet oħrajn tal-ġurnal jew tat-teleġurnal li ġieli jkunu oġġezzjonabbli għall-aħħar fejn tidħol moralità sesswali fil-ħajja privata u pubblika ta' individwi, għarajjes, miżżewġin...

Artikolisti u preżentaturi ta' programmi fuq radjijiet u televixin, l-aktar dawk li għandhom pubbliku mifrux qiegħed isegwihom regolarment, tgħid kemm jistgħu jagħmlu ġid u jaħasra ma humiex jagħmluh. Billi jippreferu li jkunu sensazzjonali biss, x'jiswa? Billi jqajmu biss kursitajiet, xi profit qed jagħmlu? Billi jħabirku li l-programm ikun divertenti biss, ħalli mbagħad jieħu l-ewwel post fil-klassifika li ssir minn żmien għal żmien, ta' liema fejda jkun? Kieku ċerti artikolisti u preżentaturi ta' programmi radjofoniċi u televiżivi jkunu tassew korretti fi kwistjonijiet ta' natura sesswali, tgħidx kemm ikunu edukattivi u kostruttivi fost il-poplu bl-idejat li jxerrdu u bix-xeni li juru.

**Mulej, agħmel li nagħraf ngħasses fuq il-kontradizzjonijiet li ninduna bihom fuq il-mezzi tax-xandir ħalli qatt ma ninqabad fl-ingranaġġ ħafna drabi malizjuż tagħhom.**

# WARA L-FESTA POPOLARI TAD-DULURI

Il-festa liturġika tad-Duluri ssir fix-xahar ta' Settembru u bir-raġun għaliex hija marbuta mill-qrib mal-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib li tiġi ċċelebrata jum qabel. Hawn Malta nagħmlu festa oħra tad-Duluri. Insejħulha festa popolari tad-Duluri. Kif nafu tajjeb din il-festa, li x'aktarx waslet għandna minn Sqallija, hija ferm għażiża għan-nies ta' pajjiżna. Ara tmisshielhom għax b'rasek idur! Iriduha wisq. Kull sena jkunu qegħdin jistennewha bil-ħerqa.

Folol kbar ta' Maltin u Għawdxin imorru bi ħġarhom wara l-vara tad-Duluri. Ħafna saċerdoti jentużjażmaw ruħhom meta nhar il-festa tad-Duluri jaraw il-knejjes mimlijin bin-nies għall-quddies u jistagħġbu meta jgħidulek li f'ċerti knejjes kellhom joħorġu sitt saċerdoti jqarbnu. Din is-sena xi wħud tgħidx kemm ferħu meta ġie propost lill-prostituti biex dakinhar tad-Duluri jagħmlu sagrifiċċju u jieqfu mill-kummerċ tas-soltu ħalli jkunu jistgħu jmorru l-knisja, iqerru u jitqarbnu, ħalli l-għada mbagħad jerġgħu għall-ħajja tas-soltu!



Il-festa tad-Duluri, wara li tiġi ċċelebrata, dejjem tqajjem mistoqsijiet li rridu newġibhom, għax mill-aspett pastorali jaqblilna nagħmlu hekk, inkella nieqfu fuq dak li hu estern, u ma jaqbilx. Il-festa tad-Duluri għal ħafna hi tassew festa Marjana jew inkella hi ċelebrazzjoni tat-temperament Malti u Għawdxi? Il-festa tad-Duluri hi festa li tqajjem il-fidi u ssaħħaħha minn sena għal sena, jew hija okkażjoni li tqajjem biss emozzjonijiet li wara ftit itiru marriħ, qisħom qatt ma kienu? Kemm qed tagħmilna kapaċi nieqfu ma' xiħadd li għandu bżonnijiet speċjali u nakkompanjawh bis-sensibbilità tagħna u bl-għajnuna li nagħtuh? Forsi li mmorru purċissjoni wara l-vara tad-Duluri u nieqfu hemm ma hiex l-iżjed ħaġa vili li nistgħu nagħmlu, jekk imbagħad ma nagħrfux nimxu ma' xiħadd fil-familja tagħna stess jew fil-parroċċa fejn noqogħdu, li jinsab f'xi saram tal-ħajja? Jew inkella x'sens għandu s-sehem tiegħi fil-purċissjoni tad-Duluri, meta lanqas biss inkun indenjajt ruħi matul ir-Randan li mmur nisma' kors eżerċizzi spiritwali, ħalli l-Kelma ta' Alla ssaħħaħni spiritwalment fil-ħajja nisranija tiegħi?

Il-festa tad-Duluri mhux tgħammex l-għajnejn għandha bżonn, imma ddaħħalna fi kriżi ta' kuxjenza u ġġagħlna nirriflettu bis-serjetà, fejn qegħdin tassew pastoralment, inkella se nibqgħu nilagħbu tal-knisja u mhux il-waqt li nkomplu sejrin hekk!

**Mulej, agħmel li reliġjożament qatt ma nentużjażma ruħi b'tali mod li ma nibqax nara ċar sitwazzjonijiet imwiegħra pastoralment.**



## MENTALITÀ ŻBALJATA U PERIKOLUŻA

M'ilux iltqajt ma' ġuvni u qalli espressjoni li ma stennejthiex minnu. Qalli li joħroġ ma' mara miżżewġa, imma ma għandux f'moħħu li jisfrattalha ż-żwieġ tagħha. Ried jgħidli li ma jifhimx jaqtagħha mir-raġel tagħha, fis-sens li jġagħla tħallih u tmur toqgħod miegħu.

Waqt li dak il-ġuvni kien qiegħed ikellimni, tani x'nifhem li fil-każ tiegħu d-dnub qiegħed mhux f'li qed joħroġ ma' mara li m'hix tiegħu, imma f'li qed joħroġ magħha bit-tir li jaqtagħha għalkollox minn żewġha, sakemm iġagħalha titilqu u tmur tgħix miegħu. Skond l-opinjoni tiegħu hawnhekk qiegħed il-ħażin. Dment li qed joħroġ magħha u hi tibqa' tgħix ma' żewġha ma fiha xejn moralment oġġezzjonabbli. Ara xi wħud kif saru jirraġunaw!

Nara li huma l-ideat strambi u perikolużi ta' llum li qegħdin jagħmlu ħafna ħsara morali fost il-poplu tagħna. Ideat bħal dawk li semmejt tgħidx kemm jintogħġbu mill-maġġoranza tan-nies. Tgħidx kif jeħlu f'moħħhom. Tgħidx kemm imexxuhom fid-deċiżjonijiet tagħhom, speċjalment malli jibda jinqala' s-saram fiż-żwieġ.

**Mulej, żommni 'l bogħod mill-ħażen ta' din id-dinja ta' dlamijiet (Ef 6:12).**

## MENTALITÀ INĠUSTA

Fost ħafna ommijiet Maltin u Għawdxin hawn mentalità misħuta. Lili tweġġgħani tgħidx kemm. Ħafna drabi meta tkellimni xi omm weħidha mhux fil-kumpannija tar-raġel tagħha, dejjem titkellem minn uliedha, daqslikieku t-tfal kienu tagħha biss, qisu r-raġel ma jeżistix. F'dan il-każ kieku ma jimpurtax ħafna li titkellem hekk. Imma meta tkun qed titkellem ma' xi omm partikolari fil-preżenza ta' żewġha u toqgħod titkellem mit-tifel tagħha u minn bintha, din ma nniżżilhiex. Inħoss li hu nuqqas serju ta' rispett lejn żewġha meta titkellem hekk. Dan jibqa' kwiet, ma jgħid xejn, ġieli lanqas jagħti każ li martu qed titkellem daqshekk egoistikament quddiemu. Iżda jista' jkun raġel miżżewweġ ieħor li bil-mod li bih tkun qed titkellem martu ma' ħaddiehor iħossu urtat. Iħoss li martu ma tkun qed tikkalkulkah xejn u din il-ħaġa ġġagħlu jirrabja.

Il-mentalità li qiegħed nitkellem minnha tista' tirrifletti nuqqas ta' ħsieb. Imma tista' tirrifletti wkoll, inkonxjament, sens qawwi ta' superjorità ta' ċerti ommijiet fuq il-missirijiet, kif ukoll nuqqas ta' delikatezza lejn żwieġhom.

F'pajjiżna għadna nkarkru b'ċerti espressjonijiet li jirriflettu nuqqas ta' etiquette, finesse, ċiviltà u edukazzjoni fi-żwieġ u fil-familja. Dak li tħaddidt minnu llum jirrigwarda xi ommijiet. Hemm espressjonijiet oħrajn li tismagħhom minn fomm l-irġiel, il-missirijiet. Dawn nitkellem minnhom meta tiġi l-okkażjoni. •



**Mulej, għallimni bħala omm inkun preċiża fi kliemi speċjalment fil-pubbliku, inkella nista' nikser u nonqos lil żewġi u nferieh fis-sentimenti tiegħu.**

# NIXFA U ĠUĦ F'GARISSA

## OFFERTA TA' Lm 5,000

### Apprezzament minn Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof ta' Garissa, il-Kenja

*8 ta' Marzu 2006*

*Għażiż Patri Leonard,*

*Tislijiet sbieħ minn Garissa lilek u l-Kummissjoni Missjoni Parrokkjali ta' San Ġwann.*

*Nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nuri l-apprezzament kbir tiegħi għall-imħabba kbira u l-interess veru li dejjem urejtu mal-Missjoni tad-Djoċesi ta' Garissa. Dan rajtu ħafna drabi fil-passat u iżjed dan l-aħħar wara l-appell li għamilt minħabba n-nixfa kbira li għaddejja minnha d-Djoċesi b'konsegwenzi ta' tbatija kbira għan-nies li jgħixu f'din iż-żona vasta.*

*Hadt ferm gost, għażiż Patri Leonard, li kellek l-okkażjoni li terġa' żżurna fid-Djoċesi flimkien mal-Provinċjal Patri Alessandro. Kienet żjara qasira, però ta' nkuraġġiment kbir għalina u li tkompli ssaħħaħ ir-rabta fil-ħidma missjunarja tagħna flimkien. L-appoġġ tagħkom lejn il-Missjoni dejjem intwera bil-fatti u b'konvinzjoni qawwija fir-rabta li hemm bejn il-fidi li nistqarru u l-imħabba lejn il-proxxmu. L-għajnuna sabiħa finanzjarja esprimit ruħha f'din l-okkażjoni wkoll flimkien mat-talb tagħkom.*

*Filwaqt li nerġa' nirringrazzja lill-Kummissjoni u l-Fraternità missjunarja nibgħat inselli għalikom u nitlob li l-Mulej ikun dejjem magħkom bil-barka tiegħu.*

*Ħukom fi Kristu,*

*+ Paul Darmanin OFMCap*







# IL-ĠUĦ U NIEXFA JKOMPLU U L-GĦAJNUNA TKOMPLI TASAL F'WAQTHA

Fil-bidu ta' Frar, għall-ħabta tad-disa' ta' bil-lejl, wasal f'Garissa kontejner b'20 tunellata ta' ikel għan-nies bil-ġuħ. L-ikel inġabar u ngħata minn nies tal-parroċċa ta' Sidtna Marija tal-Consolata, iż-żona tal-knisja ta' Trinità Qaddisa f'Keleleshwa f'Nairobi u kif ukoll bil-kollaborazzjoni ta' Radio Waumini (stazzjon ta' radju Kattoliku). L-inizjattiva ttieħdet mill-kappillan ta' l-istess parroċċa, Patri Marino Gemma ICM.

Is-Sibt, 4 ta' Frar, filgħodu ż-żgħażagħ tal-paroċċa ta' Garissa ħadu l-inizjattiva biex iħottu l-kontejner li ħaditilhom madwar erba' sigħat. Fil- kontejner sibna minn kull kwalità ta' ikel, qamħirrun, fażola, dqiq, żejt, ross, eċċ...

Wara nofs inhar wasal Garissa l-viċi kappillan Fr Tobias flimkien ma' rappreżentanti tal-Kunsill Pastorali ta' l-istess parroċċa u ta' Radio Waumini. Minħabba li ż-żmien tagħhom f'Garissa kien limitat, flimkien mal-Kappillan ta' Garissa Fr Clement, Fr Alfred u Br John, marru jżuru orfanatrofju fejn taw donazzjoni ta' ikel. Wara marru fir-raħal ta' Mororo biex iqassmu kwantità ta' ikel lin-nies ta' l-istess raħal. Sibna jistennewna madwar 300 persuna. Wara li Fr Clement u Fr Tobias għamlu kelmtejn lin-nies, fejn fissrulhom għalfejn qegħdin hemm u mnejn ġej l-ikel, beda t-tqassim ta' l-ikel lin-nies. Meta raw l-ikel f'idejhom wiċċ in-nies, b'mod speċjali l-ommijiet, beda jiddi bil-ferħ u marru lura lejn darhom rashom mistrieħa li għandhom ikel biżżejjed għall-ġranet li ġejjin.

L-appell ħerqan ta' l-Isqof Pawlu Darmanin li "il-problema hija kbira wisq biex nittakiljawha weħidna..." ma waqax f'widnejn torox, imma kienu ħafna li wieġbu għat-talba li għamel, biex permezz ta' hekk il-Knisja Kattolika f'Garissa tkompli tkun xhieda ħajja ta' kliem Kristu fl-Evanġelju, "...Itma' 'l min hu bil-ġuħ... isqi 'l min hu bil-għatx". •





## MERĦBA

Merħba lill-Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof tad-djoċesi ta' Garissa, il-Kenja, u lil Fr Publio Mair OFMCap, ekonomu tal-Viċi Provinċja tal-Kenja, li jinsabu f'Malta għall-ġimgħat ta' mistrieħ. Nawgurawlhom mistrieħ misthoqq.

# X'ISEM TRIDU TAGĦTUH?



**Fil-Kenja, isem it-tarbija hu magħżul minn qabel ma titwieled. Jekk inhu l-ewwel tifel se jissejjaħ għal missier missieru, jekk it-tieni, għal missier ommu. L-oħrajn jieħdu isem iz-zijiet, skond min imissu. L-ewwel tifla tieħu isem omm missierha, jekk it-tieni, tissemma għal omm ommha... u jkomplu b'isem iz-zijiet nisa.**

It-tarbija ġġorr dan l-isem mogħti lilha u isem missierha li ma' tiegħu hu wkoll kien iġib isem missieru. Allura tista' ssib tifel: Kamau Mwangi Irungu; jew tifla: Muthoni Mwangi Irungu. Ġieli jqassru isem il-missier, Kamau M. Irungu, u isem in-nannu jieħu post il-kunjom tagħna. Fil-magħmudija t-tarbija tingħata isem nisrani; imma bosta drabi, jekk in-nannu jew nanna kienu nsara, it-tarbija tista' tiret l-isem nisrani wkoll: John Kamau M. Irungu, Mary Muthoni M. Irungu. Il-mara li tiżżewweġ taħbi l-ismijiet tal-ġenituri tagħha u tieħu isem żewġha; fil-kas tagħna Grace Wahu Gakobo ssir Mrs Grace Kamau.

Madankollu, il-mara tkun iktar magħrufa b'isem l-ewwel tarbija tagħha. Jekk din jisimha Cecilia, kemm żewġha kif nies oħra jsejħulha 'mama Cecilia' (omm Cecilia), hekk illi jinsew x'jisimha. Xebba tista' ma tkun taf ebda isem ta' ommha! U li tistaqsiha x'jisimha hu kemm att ta' mistħija u ta' offiża għal ommha. Mara li qatt ma marret skola, lil bintha li staqsietha x'jisimha biex tagħtih lill-għalliem tagħha, qaltilha li kien biżżejjed għaliha li tkun taf li kienet ommha! Ġieli jiġu nisa jiktbu l-parrinijiet tat-tfal tal-magħmudija u jgħidulek li huma: baba John jew mama Mary! Imma dawn mhumiex biżżejjed għar-reġistru.

Il-mewt tbeżża' lil kulħadd u għalkemm kien hemm xi qaddisin li kienu mxennqin għaliha, il-biċċa l-kbira l-mewt iġġib magħha biża' u niket. Imma l-Afrikan li jgħix qrib tan-natura u jara s-siġra twaqqa' l-frott hu u jikber, u ieħor isir u jitħassar, hu iżjed lest li jaċċetta l-mewt ta' tarbija, li minnhom jara ħafna madwaru. Missier it-tarbija jgħidlek li s-siġra waqqgħet iż-żahar; u l-omm nisranija tgħidlek li jekk Alla għażilha biex tmur tgawdih żgħira żgur li ħabbha u li ma jonqosx li jagħtiha tfal oħra minflokha. •







# GĦEXU JITTAMAW FI TWELID ĠDID

**Min ma semgħax bit-tewmin sijamiżi Laleh u Ladan li twieldu b'rashom magħquda flimkien?**



Laleh u Ladan kienu żewġt ibniet Iranjani, ulied koppja raħħala, fqar ħafna li diġà kellhom 11 l-ulied oħra. Hekk kif twieldu ġew abbandunati u baqgħu jinżammu l-isptar fejn twieldu, magħluqa ġo kamra ċkejkna sakemm sar jaf bihom tabib Amerikan li ħadhom għandu biex jgħixu miegħu f'dar li kien jaqsam ma' tobba oħra.

Tliet snin wara t-tabib Safaian bagħathom l-iskola. Tgħallmu u kibru nisa sbieħ b'rieda qawwija li aktar tard urewha lid-dinja kollha. Kienu jagħrfu biss lil dan it-tabib bħala l-missier addottiv tagħhom.

Ftit snin ilu ntwera dokumentarju fuqhom fuq it-televixin u missierhom naturali Dadollah Bijan, wara li ġab l-affidament tagħhom mill-qorti, deher quddiemhom u talabhom imorru joqogħdu miegħu. Laleh u Ladan irrifjutaw u baqgħu mat-tabib Safaian li kien addottahom.

Kienu intelliġenti ħafna. Komplew jitgħallmu l-iskola u meta laħqu l-età nkitbu l-Università ta' Teheran. Studjaw u ggradwaw bħala avukati. Kienu jgħixu l-istess stil ta' ħajja ta' sħabhom l-istudenti ta' l-istess pajjiż, naturalment mhux mingħajr id-diffikultajiet li ġġib magħha d-diżabiltà li kellhom.

Kieku kien possibbli ħajjithom u l-karriera ta' dawn iż-żewġ tfajliet kienet tkun differenti ħafna. Waħda minnhom li kellha natural estrovert kellha xewqa kbira li ssir ġurnalista. L-oħra riedet issir avukat. Ladan kienet tħobb tgħix fil-kwiet fil-provinċja fejn kibret. Kienet tħobb in-natura u l-annimali, filwaqt li Laleh ma setgħetx tara lilha nfisha tgħix 'il bogħod mill-belt.

Min kien jafhom tfal żgħar jirrakkonta kif kemm-il darba, wara ftehim bejniethom u waqt burdata tal-logħob kienu jippruvaw itellqu f'direzzjoni differenti minn xulxin. Kienu jgħidu: "Wieħed, tnejn, tlieta." Imma dan qatt ma kien possibbli u kienu jispiċċaw jargumentaw bejniethom b'rabja biex jisfugaw il-frustrazzjoni tagħhom għal darb'oħra.

Għalkemm ma setgħux jagħmlu mod ieħor għajr li jaċċettaw is-sitwazzjoni tagħhom ġrew mad-dinja minn sptar għall-ieħor jippruvaw isibu soluzzjoni biex ħajjithom futura tkun waħda independenti. Fis-sena 1996 grupp ta' tobba Ġermaniżi qatgħulhom barra għal kull xorta ta' intervent għax qalulhom li kien hemm riskju kbir. Mill-banda l-oħra lil Laleh u Ladan ħadd ma seta' jagħtihom tort. Kienu nisa intelliġenti u kolti u kienu jafu li kull operazzjoni li setgħet issir fuqhom, setgħet tkun fatali għal waħda minnhom, jekk mhux ukoll għat-tnejn. Kienet xewqa kbira tagħhom li xi darba jgħixu separati. Din ix-xewqa kbira kienet ir-raġuni li ġegħlithom, wara li kkunsidraw kollox, jiddeċiedu li jidħlu għar-riskju li operazzjoni serja bħal din iġġib magħha.

Fl-isptar Raffles ta' Singapore, wara studju serju ħafna, anki fuq mudell ta' kranju, ħadmu grupp ta' aktar minn mitt tabib speċjalisti u paramediċi li għal sigħat sħaħ, ħallew lid-dinja fuq ix-xwiek.

Ta' 29 sena t-tewmin sijamiżi daħlu f'nagħsa ħelwa hekk kif ġew mogħtija l-loppju u wara ħidma twila ta' 53 siegħa, huma ġew finalment separati. Iċ-ċirkulazzjoni tad-demm bejn it-tewmin waqt l-operazzjoni bdiet tkun instabbli u tilfu ħafna demm. Iż-żewġt aħwa tant kuraġġużi u b'rieda ta' l-azzar, għamlu kull sagrifiċċju biex ikollhom futur aħjar, sagrifiċċju li minkejja li kien ta' eżempju għad-dinja ta' llum li ma tridx taf b'sagrifiċċji, wassal biss biex l-ewwel waħda mit-tewmin tilfet ħajjitha bl-oħra ftit ħin wara.

Veru każ li dawn iż-żewġ nisa Iranjani mhux biss twieldu u għexu flimkien, imma saħansitra mietu wkoll flimkien. •



# LINCOLN BREWSTER

## Kantant żagħżugħ

**Lincoln kien l-iżgħar fost tlett aħwa. Meta kien għadu żgħir ħafna ommu u missieru ddivorzjaw. Meta kellu biss tnax-il sena huwa fforma l-ewwel band tiegħu, Lincoln and the Missing Links.**



Meta kellu ħmistax-il sena, ommu reġgħet iżżewġet u l-familja marret toqgħod f'California, fejn Lincoln ingħaqad mal-banda ta' l-iskola tiegħu. Kien idoqq il-kitarra u t-tnabar fil-*jazz band*, u s-*snare drum* fil-*marching band*. Meta kellu dsatax-il sena kellu l-opportunità li jieħu l-ewwel kuntratt mużikali tiegħu. Minkejja dan, Lincoln kien iħossu vojt. It-tfajla tiegħu, Laura, kienet spiss tistiednu biex jibda jattedni l-knisja.

F'Ġunju 1997, Lincoln u martu marru Nashville fejn bdew iservu bħala *youth pastors* u ministri tal-mużika full-time f'Oasis. Waqt li kien Oasis, Lincoln iltaqa' mad-diretturi ta' l-*Integrity Incorporated* li kienu qed jaħdmu fuq album ġdid. Wieħed minn dawn, Chris Thomason, malajr innota t-talent kbir ta' Lincoln għall-kitarra. Wara li sema' demo, xogħol ta' Lincoln, huwa stqarr: **"Lincoln għandu passjoni biex jara ż-żagħżagħ jidħlu fil-preżenza t'Alla permezz ta' l-adorazzjoni. Dan bidillu ħajtu lil Lincoln u jimmotivah biex jikteb l-kanzunetti biex jgħin lil ħaddieħor isir jaf aktar lil Alla. Huwa mużiċist kbir, imma aktar minn hekk, qalbu qiegħda f'Alla."**

Ftit wara beda jaħdem fuq l-ewwel album tiegħu, *Lincoln Brewster*, li fih jitkellem mal-qlub tan-nies il-għatx għall-worship mhux tradizzjonali. Ejja nagħtu ħarsa issa lejn dan it-tieni album ta' Lincoln, *Live to Worship*. Lincoln jgħix biex ifaħħar u jadura lill-ħallieq. Fis-song *Take me Higher*, huwa jgħid: *"Hide not your face from me. Lord, set my spirit free. For my one desire is to be with you. Come cleanse my life and make me pure. Won't you wrap me up in your arms."* (La taħbix wiċċek minni, Mulej; eħles l-ispirtu tiegħi għax ix-xewqa waħdanija tiegħi hi li nkun miegħek. Ejja naddafli lil ħajti u ppurifikani. Għannaqni f'dirgħajk.)

Ġesù, għal Lincoln, huwa wkoll is-*Superstar* ta' kull żmien. Fil-kanzunetta tiegħu, *Superstar (Where you are)*, minn qalbu joħroġ dal-kliem: *"To serve you, Lord, is a delight, and I just won't give up this fight. Lord, I'll finish the race, pressing toward the things above, as I'm covered in your love, 'till I see you face to face."* (Il-gost tiegħI, Mulej, huwa lI nservlk u jien minix se nċedi. Mulej, jien se nasal sat-tmiem tat-tellieqa, inross lejn il-ħwejjeġ tas-sema, filwaqt li ninkesa b'imħabbtek, sakemm narak wiċċ imb'wiċċ.) Lincoln jokrob lil Alla – *I cry for you* – *"Day after day my heart beats for you, wanting you near, beside me always. Lord I won't fear as long as you're here. In my life I need you always."* (Jum wara jum qalbi tħabbat għalik, nixtieqek qrib, dejjem maġenbi. Mulej, jien mhux se nibża' sakemm inti hawn. F'ħajti għandi dejjem bżonnok.) •

 | Joe Attard



# Fiduċja f'Alla

**Kull tifel żgħir li jħobb il-futbol jew li għandu missieru jilgħab ikun jixtieq li xi darba jilbes il-flokk tat-tim favorit tiegħu u joħroġ maskot qabel xi logħba.**

Dan l-aħħar fil-logħba tal-futbol daħlet drawwa sabiħa li f'ħafna partiti, speċjalment f'logħbiet ta' importanza kbira, li l-plejers li jkunu se jilagħbu mill-bidu joħorġu fil-grawnd imexxu minn idejhom tfal libsin bil-kuluri tal-klabbs li jkunu se jilagħbu kontra xulxin. L-entużjażmu li juru dawn it-tfal meta jkunu għadhom fit-ġewwa trid tarah biex tifhem kemm dawn iż-żgħar iħossuhom onorati li għandhom iċ-ċans jitkellmu ma' l-idoli tagħhom u li se jkollhom l-unur li jidħlu fil-grawnd immexxijin minnhom. M'hemmx bżonn li l-plejers jgħidulhom biex jagħtuhom idejhom għax it-tfal spontanjament jagħmlu dan mingħajr ma jintalbu. Għandhom fiduċja għamja fl-idoli tagħhom.

Din ix-xena ġiet quddiem għajnejja dan l-aħħar meta kont qed nattendi għall-kors ta' priedki minn Patri Agostinjan. F'waħda mit-taħdidiet tiegħu dan il-Patri semma' l-importanza li kull wieħed minna għandu jħalli lil Ġesù jmexxih hu. Il-Patri ġab l-eżempju ta' tifel ta' erba' snin immexxi minn idu minn missieru. Il-missier jevita l-ħofor u l-perikli li jista' jkun hemm fit-triq u t-tifel iħossu fis-sigur f'idejn missieru u ma jkunx irid iħallilu jdejh.

Fil-ħajja tagħna niltaqgħu ma' ħafna perikli: inkunu mdejqa fil-għawġ; inħossuna dgħajfa u magħkusin fil-mard u meta nidinbu nħossuna mdejqa. Meta nkunu f'dawn is-sitwazzjonijiet kultant, jekk mhux ħafna drabi, induru għall-għajnuna għand il-bnedmin. Tara nies li jridu jkunu jafu l-futur imorru għand is-sħaħar; oħrajn ifittxu l-faraġ għand ta' madwarhom jew fil-pjaċiri tad-dinja. Lil Alla jinsewh; jinsew li hu ħanin u ġust; jinsew li biex jifdina sar bniedem bħalna u sofra passjoni kbira. M'hemmx fiduċja f'Ġesù li qed joffrilna jdejh biex imexxina hu. M'aħniex lesti nagħtuh idejna biex hu jwassalna sa fejn irridu u skond il-pjan tiegħu fuqna. Fis-Salm 116 il-profeta David jgħidilna: **"Ħanin il-Mulej, u ġust Twajjeb hu Alla tagħna. Iħares id-dgħajfa l-Mulej; Jien kont magħkus, u hu ħelisni."**

Ilkoll kemm aħna nafu l-weġgħiet li nsofru meta nkunu nħobbu u l-imħabba tagħna ma tkunx reċiprokata; aktar u aktar meta tkun mżebilħa. Suppost ilkoll nafu li Alla jħobbna, imma ħafna drabi aħna nżebilħu din l-imħabba għax ma nafdawhx. Jekk ma naqalgħux dak li nitolbu għalih malajr ngħidu li Alla nsiena u naqtgħu qalbna. Ma nħallux idejna tibqa' f'idejh biex imexxina hu. Nibdew naqdfu għal rasna bil-konsegwenza li kollox jibda jmur għal agħar. Kemm ikun aħjar li jekk irridu nimxu 'l quddiem nagħtuh idejna u nħalluh imexxina hu.

Kemm hi sabiħa dik l għanja li nkantaw fil-knisja **"Tini idejk jekk trid li naslu; La tibżax, agħtini idejk"**. Alla qed jistedinna biex nafdaw fih biex ma naqtgħux qalbna, basta nħalluh imexxina hu.

Ma għandniex għalfejn nibżgħu mill-futur għax Alla jaf x'inhu ġej u aħna nistgħu nafdaw fih. •

# ĦBIBERIJA SPIRITWALI

**Maħlul minn kull ġibda tal-ġisem u minn kull imħabba sentimentali, l-axxeta awster Franġisku ppermetta li tbejjet f'qalbu ċerta ħbiberija spiritwali lejn l-uniċi żewġt iħbieb tal-qalb tiegħu, Gakomina dei Settesogli u Klara t'Assisi. Ta' l-ewwel kienet mara tar-ruħ, armla għanja u nobbli minn Ruma, affezzjonata ħafna lejn Franġisku u l-familja minoritika tiegħu.**





Meta Franġisku ħass il-mewt toqrob lejh kitbilha: *"Il-fqir ta' Kristu, fra Franġisk isellem lis-Sinjura Gakomina, qaddejja ta' l-aktar għoli Mulej u f'għaqda ma' l-ispirtu s-Santu. Kun af li Alla għarrafni li tmiem ħajti qorob. Għalhekk jekk trid tilħaqni ħaj, malli taqra din l-ittra ħaffef ejja lejn Santa Marija ta' l-Anġli sa qabel is-Sibt li ġej. Altrimenti nkun tlaqt. Ġib miegħek id-drapp skur għal kefen ta' ġismi u x-xema' għad-difna. Nitolbok tnewwilli ftit mill-ħelu li kont tħejjili meta kont marid f'Ruma – fi Sqallija jsibuhom bl-isem ta' mostaccioli"* (Leg Per). Din l-ittra ddettata minnu u miktuba minn wieħed minn l-Aħwa turi l-ħbiberija spiritwali ta' bejniethom. L-aktar meta wieħed jieħu inkonsiderazzjoni li Franġisku fehem jafda l-fdal ta' ġismu aktar lil dil-mara milli lil uliedu. Mbagħad hemm eċċezzjoni u sorpriża kbira oħra meta ppermettielha tikser il-klawsura u tidħol sa ġewwa f'Santa Marija ta' l-Anġli.

Imma kellha tkun tat-tieni, Klara, li fiha l-ġibda ta' Franġisku lejn mara ħolqien ta' Alla tinbidel f'rispett u qima. Fiha kien jilmaħ l-ideali tas-safa, tas-sempliċità, ta' l-umiltà u tal-faqar mitluba mill-Evanġelju... ideali mżewġa ma' dawk tal-kuraġġ, ġenerożità u fedeltà li teżiġi l-ħajja kavallereska. Franġisku saħħarha bil-wegħda li jgħarrasha ma' Kristu, fesfsilha f'widnejha l-ħlewwa ta' din l-għerusija u kkonviċieha biex tħares bla mittiefsa l-ġawhra tas-safa verġinali għall-imħabba ta' l-għarus divin li l-imħabba ġagħlitu jsir bniedem għalina (Leġ:1 V FF 3164). Imħajra bla ma mġiegħla dir-ruħ safja bħal ħamiema aċċettat is-suġġeriment ta' Franġisk u dlonk f'qalbha mimlija bil-hena bdiet tixtieq li tfittex isseħħ din l-għerusija mas-sultan il-kbir. F'dak il-lejl qaddis li fih ġiet imqarwża mis-sabiħ xagħarha u mfaqqra minn kull tiżjin tar-ras, Franġisku għarras ma' Kristu lix-xbejba Klara. Din l-għerusija mistika bejn Klara u Kristu ma damitx wisq ma qanqlet ħafna xebbiet biex jiċħdu għaż-żwieġ u jibqgħu verġni, lil ħafna ġuvintur biex ma jibqgħux jittebbgħu biż-żina kif ġib u laħaq, u lil ħafna miżżewġin ħalli jibdew josservaw il-kastità konjugali. U maż żmien il ħbiberija spiritwali safja u ħielsa minn kull doll ta' l-iċken suspett bejn Franġisku u Klara kompliet dejjem tikber. Tant li darba waħda, skond il-Ktieb tal-Fjuretti, Klara kienet il-mistiedna għall-ikel għand Franġisku. Din ġiet f'Santa Marija ta' l-Anġli ikkumpanjata minn waħda mis-sorijiet tagħha. Franġisku u wliedu mdawrin ma' mejda mqiegħda għall-qiegħa ta' l-art flimkien ma' Klara u seħbitha, imġewħin għal-leħen Alla, qagħdu jisimgħu l-kelma ta' Alla minn fomm Franġisku b'tant ħeġġa, ħlewwa u devozzjoni li ħassew ruħhom tant imxabba' u mimlijin, li la daqu l-ewwel u l-anqas it-tieni platt. Mitlufin f'Alla u mħeġġin f'qalbhom bl-imħabba tiegħu, irħewlha lura lejn minn fejn kienu ġew bla ma ħabblu rashom wisq mill-ikel tal-ġisem (Fjuretti XV). •




# IL-VALURI TA' LEE KUAN YEW

## STATISTA MINN SINGAPORE



**Sa erbgħin sena ilu, Singapore kienet gżira fqira fejn in-nies kien joqogħdu fi djar żgangati jew f'għarajjex magħmulin mill-qasab u l-kanna. Kien pajjiż żgħir ħafna ifqar mill-Messiku. Illum Singapore hija t-tieni l-ikbar belt tal-Commonwealth wara Londra u l-iktar moderna fl-Asja kollha. Fi żmien hekk qasir hija tbiddlet għal kollox u saret l-gżira ta' ħafna pajjiżi kbar u antiki anki fl-Ewropa. Il-mexxejja Ċiniżi ilhom iktar minn tletin sena ġejjin u sejrin Singapore biex jammirawha u jitgħallmu mill-esperjenza tagħha. Veru li l-oppożizzjoni politika u d-demokrazija huma neqsin ferm fil-pajjiż, iżda s-sigriet għal dan is-suċċess kien riżultat tad-dixxiplina u x-xogħol iebes tan-nies tagħha, b'mod speċjali tal-gvern taħt il-Prim Ministru Lee Kuan Yew.**

Illum il-pajjiż huwa mmexxi minn ibnu Lee Hsien Loong, iżda l-missier ta' 82, statista kbir b'ideat u influwenza qawwija, għad għandu importanza kbira fit-tmexxija ta' Singapore u fil-pajjiżi viċin. Dan l-aħħar ġie intervistat minn TIME MAGAZINE (30 Jannar 2006) u dawn huma ftit mill-ideat tiegħu.

Mistoqsi dwar George W Bush u l-valuri reliġjużi tal-President, Lee wieġeb hekk: *"Kelli dan l-argument ma' wieħed mill-mexxejja Ewropej li qalli, "Aħna l-Ewropej ma jogħġobniex il-fatt li Bush għandu linja telefonika ma' Alla." U jiena għedtlu: Meta tkun qed tiġġieled ma' fanatiku fuq in-naħa l-oħra li jemmen li qed jirrapreżenta lil Alla, tkun ta' għajnuna kbira għal serħan il-moħħ jekk temmen li int ukoll għandek lil Alla fuq in-naħa tiegħek."*

Mistoqsi jekk kienx bniedem reliġjuż, huwa wieġeb hekk: *"Ma nistax niġġudika lili nnifsi, iżda naħseb li l-valuri reliġjużi tiegħi mhumiex għoljin wisq. Ma nemminx li t-talb jista' jfejjaq, iżda jista' jkun ta' għajnuna u faraġ. Fl-istess ħin, rajt l-ikbar ħabib tiegħi Hon Sui Sen (Ministru tal-Finanzi) fuq is-sodda tal-mewt. Kellu attakk tal-qalb u kien qed jilgħabha mal-mewt. Kien hemm it-tobba miegħu u anki l-qassis, iżda ma kellu l-ebda biża' f'għajnejh. Hu u martu kienu Kattoliċi prattikanti. It-tnejn kienu konvinti li jerġgħu jiltaqgħu wara din il-ħajja. Jiena nemmen li raġel jew mara li għandhom fidi qawwija f'Alla għandhom saħħa enormi biex jiffaċċjaw kriżi. Dan huwa vantaġġ fil-ħajja.*

*"Ħafna snin ilu qrajt ktieb – The Real Enemy ta' Pierre d'Harcourt, awtur Kattoliku Franċiż. Huwa jirrakkonta l-esperjenzi tiegħu f'kamp ta' konċentrament tan-Nażi. Kien hemm żewġ gruppi ta' nies fil-kamp tiegħu. Dawk li kellhom konvinzjoni rnexxielhom jibqgħu ħajjin u dawk li ma kellhomx konvinzjonijiet sodi mietu. Iż-żewġ gruppi li kellhom*




*konvinzjonijiet kienu dawk reliżjużi ħafna – fosthom il-Kattoliku d'Harcourt – u l-komunisti. Kellhom l-istess konvinzjoni qawwija li għad joħorġu rebbiħin. L-oħrajn – tobba magħrufa, mużiċisti bravi, eċċ – kienu jpartu l-ikel tagħhom mas-sigaretti għax kienu jaħu li jekk jagħmlu hekk, tiġi għodwa minnhom meta ma jkunux jistgħu joħorġu barra fil-kesħa biex isejħulhom isimhom. Iżda kienu ċedew. Il-komunisti u dawk b'fidi qawwija komplew jissieltu u baqgħu ħajjin. Hemm ċerti affarijiet fl-ispirtu uman li ma tistax tifhimhom."* •

# *Limerikki*

**minn Tony C Cutajar**

## il-murtali

Huma devoti kbar tal-qaddis
Basta l-ikbar festa tal-pajjiż;
'Il bogħod mill-artali
Biss l-aqwa l-murtali –
Storbju li jweġġa', jaqla' ċ-ċaċċis.





**Inħobb l-istejjer**

# REVERENZA BIL-QIMA QUDDIEM ĠESÙ

Sant'Antnin ta' Padova kien qed jippritka lill-eretiċi ta' l-Italja ta' Fuq. Bonvillo, eretiku mill-kbar, irrifjuta li jemmen li fl-Ewkaristija hemm il-preżenza reali ta' Kristu, għax ma kienx jidher tibdil fil-ħobż.

Waqt il-prietka ta' Sant'Antnin, Bonvillo kien qiegħed bilqegħda fuq iż-żiemel tiegħu u l-ħin kollu kien ifixkel lil Sant'Antnin. Fl-aħħar għajjat, **"Jien nemmen biss dak li nara b'għajnejja."** Sant Antnin wieġbu u qallu, **"Kieku għajnejk jaraw iż-żiemel tiegħek għarkubbtejh quddiem is-Sagrament, int temmen li hemm Kristu preżenti fl-Ostja?"** Bonvillo wieġeb, "**Iva, nemmen.**" **"Mela nagħmlu prova,"** qallu Sant'Antnin. Bonvillo xtaq ma joħroġx ta' ċajt, u qallu, **"Stenna ftit, ara taqbilx miegħi: jiena nżomm iż-żiemel bil-ġuħ għal jumejn; fit-tielet ġurnata niltaqgħu fil-pjazza, inti żżomm is-Sagrament u jien inżomm qatta' silla u naraw x'jiġri."** Sant'Antnin aċċetta u għadda dawk il-jumejn jitlob l-għajnuna t'Alla. Fit-tielet ġurnata, in-nies iffullaw fil-pjazza; Sant'Antnin żamm l-Ostja kkonsagrata fuq il-kalċi u Bonvillo fuq in-naħa l-oħra żamm qatta silla f'idejh. Ġabu ż-żiemel u malli telquh waħdu, dan mar quddiem Sant'Antnin, niżel għarkobbtejh quddiem l-Ostja u baqa' hekk sakemm Sant'Antnin qallu biex iqum. Kulħadd stagħġeb u Bonvillo emmen u kkonverta. •

# Il-Gwardjani u t-Tribunali Lokali qed iservu l-iskop tagħhom? (1)





**Minn meta ġiet introdotta s-sistema tal-gwardjani lokali kulħadd jaqbel li fit-toroq hawn aktar organizzazzjoni u ordni. Minkejja dan, iċ-ċittadini, speċjalment dawk li għandhom liċenzja tas-sewqan, ma waqfux igergru!**

Ħaġa importanti li jingħad hija li l-introduzzjoni tas-sistema tal- gwardjani lokali, ma daħħlitx magħha xi kontravenzjonijiet ġodda. Cioè dawk il-kontravenzjonijiet li fuqhom iħarrkuna l-gwardjani lokali llum huma l-istess ta' qabel; bħal pereżempju: sewqan bla seatbelt jew sewqan bil-mobajl, ipparkjar ħażin, over speeding, ilhom iż-żmien ilkoll projbiti. Li tbiddlet hija l-preżenza qawwija tal-gwardjani lokali fit-toroq tagħna; jew aħjar il-preżenza tagħhom tinħass aktar minn dik tal-puluzija.

Ir-raġuni għal din il-preżenza kontinwa 'kważi soffokanti' hija li l-ewwelnett il-kompetenza tal-gwardjani lokali hija limitata għall-kontravenzjonijiet tat-traffiku u għal xi kontrovenzjonijet ta' natura ambjentali. Mentri l-pulizija kellhom mhux biss jieħdu ħsieb dawn il-kontravenzjonijiet, imma ukoll jipprevenu, jinvestigaw u jressqu l-qorti kull reat immaġinabbli fil-liġi tagħna. B'hekk il-gwardjani lokali għandhom aktar ħin iddedikat għall-istess ħaġa. Fit-tieni lok il-motivazzjoni tal- gwardjani lokali, fis-sorveljanza tat-toroq hija kemm xejn differenti minn dik tal-pulizija u dan billi s-sistema tal- gwardjani lokali u l-finanzjament tagħha hija dipendenti fuq il-flus tal-multi li jinġabru. Fi kliem sempliċi jekk il-gwardjani lokali jieqfu jagħtu l-multi jonqsu l-fondi biex jitħallsu l-pagi tagħhom stess. Bħallikieku ż-żejt tal-magna tas-sistema tal-gwardjani lokali huwa l-multi li jinħarġu u kulħadd jaf li magna mingħajr żejt ma tmurx 'il bogħod!

Dan il-fatt qed iqajjem kontroversja sħiħa li hija ġustifikata mhux bi ftit. Dan għaliex b'sistema fejn għandek l-għajxien tal-ħaddiema jiddependi minn dak li jimmultaw, joħloq xi ftit ta' interess dirett tal-gwardjani lokali ndividwalment fit-taħrikiet li joħroġ hu stess. Dan huwa preċiż bħal kull minn fl-industrija jaħdem bil-*commission*.

Wieħed mill-vantaġġi kbar li għandha s-sistema ta' *commission* hija li toħloq interess dirett fl-impjegati. Dan huwa xieraq fil-ħajja kummerċjali. Però nistaqsi, hija opportuna f'sistema ta' servizz soċjali u ordni pubbliku? Is-sistema tal-gwardjani u Tribunali Lokali huma l-ewwel eżempju ta' privatizzazzjoni ta' l-ordni pubbliku f'pajjiżna? Il-ħarsien tal-liġi mhux limitat biss għall-ħruġ tat-taħrikiet (qisu xi trabokk ta' l-insib lest biex jaħtfek!), imma parti importanti hija l-edukazzjoni li għandha tiġi trasmessa liċ-ċittadin. Jiena tort lill-gwardjani lokali ndividwalment ma nagħtix, però xettiku ħafna tas-sistema kif titħaddem. Il- gwardjani lokali qegħdin daharhom mal-ħajt. Bis-sistema kif inhi, m'humiex kompletament liberi li f'każ speċjali jew umanitarju jbexxqu ftit għajnejhom u minflok taħrika jagħtu twiddiba li kultant tasal ħafna aktar minn taħrika li kull ma tagħmel iġġib aktar rabja! Ejja ngħidu s-sewwa, ħadd ma jagħmel biex jipperikola l-ħobża ta' kuljum tiegħu. •

***Lest li nwieġeb xi mistoqsijiet tagħkom li tibgħatu fl-indirizz: 1, Misraħ Lourdes, San Ġwann SGN 08.***



# IŻLAM-PUNENT KUNFLITT INEVITABBLI? (2)

**Fil-ħarġa l-oħra tkellmina dwar min jara fl-immigrazzjoni theddida ta' invażjoni Musulmana. Tkellimna mill-ewwel kif l-immigranti m'humiex il-biċċa l-kbira Musulmani, anzi hemm ħafna Nsara.**

Iddiskutejna l-Iżlam, fejn semmejna żewġ karikaturi li jagħtu stampa żbaljata tal-Musulmani: dik li tara l-Iżlam bħala reliġjon li fin-natura tagħha hi vjolenti u ntolleranti, u karikatura oħra li żżomm li l-Musulman medju mhux differenti fil-valuri u d-drawwiet tiegħu mill-bniedem medju Ewropew. Rajna li fid-dinja Musulmana jeżistu żewġ kurrenti ta' ħsieb: wieħed li jrid jaġġorna mal-ħsieb l-aktar modern, minkejja li jgħid li hu konsistenti mar-reliġjon u l-Koran, u l-ieħor li jiċħad totalment dan il-ħsieb modern. Għidna li skond aħna l-maġġoranza kbira tal-Misilmin jinsabu maqbuda bejn ħaltejn, għalkemm fid-deher, bejn iż-żewġ kurrenti jidher li hu dak fundamentalista li qed jirbaħ.

Ħallejna bil-mistoqsija dwar għaliex qed jiġri hekk? U għidna li se nitħaddtu wkoll dwar x'għandha tkun l-attitudni tagħna lejn dawn ħutna f'Alla ta' Abram. Qabel inkomplu fuq l-Iżlam, tajjeb li ngħidu li sitwazzjoni simili kienet teżisti fl-artijiet Kattoliċi fis-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin. Kien hemm Kattoliċi li riedu jaġġornaw il-ħsieb tal-Knisja biex ikun aktar aċċessibbli għall-imħuħ moderni. Iżda kien hemm oħrajn, fosthom Papiet, li kienu jqisu li kull konċessjoni għall-ħsieb modern hi ħażina u tmur kontra l-essenza tar-reliġjon ta' Kristu. Fost l-iżbalji li nsibu fis-Sillabu ta' Piju IX hemm it-twemmin li **"L-Papa jista', anzi għandu, jitħabbeb u jaġġorna ruħu mal-progress, il-Liberaliżmu u ċ-ċiviltà moderna."** (Sillabu ta' l-Iżbalji 80). Kien hemm papiet li iddefinixxu bħala **"…assurd u żbaljat it-twemmin li jżomm li kulħadd għandu jkollu libertà tal-kuxjenza."** (Mirari Vos 14); li fissru l-libertà reliġjuża bħala **"…d-dritt li wieħed jitlef ruħu"** (Quanta Cura 3) u d-dritt tal-libertà ta' l-istampa bħala **"… dannuż u li m'hu qatt ikkundannat biżżejjed"** (Mirari Vos 15)

Mela, bħalma teżisti tensjoni qawwija bejn interpetazzjonijiet kuntrarji tar-reliġjon Iżlamika, xi ħaġa simili, b'reliġjon intolleranti u oħra aktar miftuħa, kienet teżisti fil-Kattoliċiżmu. Minkejja dan, il-Kattoliċiżmu rnexxielu jaġġorna ruħu (bil-kuntradizzjonijiet kollha ta' dan, b'mod forsi mhux komplet, eċċ), tant li t-Tieni Konċilju Vatikan jiftaħ bi twiddiba kontra 'l-profeti tad-diżgrazzji' (Gaudet Mater Ecclesia) li jaraw kollox ħażin fil-progress modern. Għaliex min-naħa l-oħra l-Iżlam Modernista jidher qed jitlef? Għaliex qed ikunu aktar popolari min irid il-projbizzjoni ta' l-apostasija bil-liġi; il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, in-nuqqas ta' libertà tal-kelma? Hi forsi għax l-Iżlam hu min-natura tiegħu intolleranti u arkajku, u għalhekk jiffavorixxi lil min irid iżomm l-arloġġ lura? Iżda kif rajna fil-ħarġa l-oħra, min irid Iżlam aktar modern jista' jikkwota għadd ta' versi fil-Koran biex isostni t-teżijiet tiegħu. Għaliex mela donnhom mhux qed ikollhom suċċess? •

***(Kummenti għal din il-mistoqsija u oħrajn jidhru fil-ħarġa li jmiss).***



**Patri, jiena mara reliġjuża ħafna. Fiż-żwieġ tiegħi dejjem għamilt mill-aħjar biex fir-raġel inizżel sens qawwi ta' fidi mingħajr ma nissikkah. Dejjem stinkajt biex inħeġġu ħalli jkun regolari fil-ħajja sagramentali tiegħu, naturalment fejn jidħol qrar u tqarbin. Mill-bidu taż-żwieġ darrejtu jgħid ir-rużarju miegħi kuljum preċett. Dan l-aħħar, beda ftit ta' l-inkwiet bejnietna, inkwiet fuq il-ħmerijiet. Hu jgħid li miegħi mhux kapaċi jħaqqaqha. Igħid li ma jlaħħaqx miegħi. Biex jinkini u jweġġgħani, għax jaf li b'liema mod jista' jkiddni, issa qata' milli jmur quddies nhar ta' Ħadd, milli jmur iqerr u jitqarben regolarment u jgħid ir-rużarju kuljum miegħi. Din il-ħaġa qiegħda tifnini, ma nistax inniżżilha. Kif irrid inġib ruħi miegħu f'sitwazzjoni nkejjuża bħal din?**

## *Patri William iwieġeb…*

*Kos, lanqas jitwemmnu ċerti praspar li jiġru f'ċerti żwiġijiet! Imma jkollok temminhom anki jekk ma tridx, għax huma fatti. Il-każ tiegħek jirrifletti dak li qiegħed ngħid. Ma għandux ikun li raġel, biex jinki lill-mara tiegħu, ibaqbaqha u jinfiskaha, għandu jinqeda bin-nuqqas ta' prattika fir-reliġjon. Min jagħmel hekk mhux matur la umanament u lanqas reliġjożament. Dan inkompli ngħidu iżjed u iżjed meta qiegħed iġib ruħu kif qiegħed jagħmel, għax jaf li għandek ħafna għal qalbek il-ħajja spiritwali tiegħu u għax ir-reliġjon hija ferm għal qalbek. Mhux sew! Dan hu nuqqas gravi. Għandu xorti għandu mara ta' sentimenti u konvinzjoni reliġjuża, li qed taħsiblu għal ruħu. Xi jrid? Mara ma jimpurtaha xejn mir-reliġjon la tagħha, la ta' żewġha u lanqas ta' wliedha?*

*Inti għedtli li dan l-aħħar bejnek u bejn żewġek inqala' xi ftit ta' l-inkwiet fuq il-ħmerijiet. Jekk tassew hu hekk, ma nistax nifhem għaliex ir-raġel tiegħek ħa deċiżjoni daqshekk irraġonevoli – biex ma nużax kelma oħra - jiġifieri li jaqta' mill-prattika reliġjuża tiegħu bl-iskop meditat li jferik f'qalbek. Kieku l-inkwiet inqala' fuq kwistjonijiet serji, forsi kont nagħlaq għajnejja u nagħdru xi ftit. Imma mhux il-każ tagħkom. Ma iniex nara proporzjon bejn ħmerijiet u qtugħ mill-prattika sagramentali u mit-talb fil-ħajja tad-dar.*

*Jekk nistudjaw il-każ sewwa nindunaw li huwa mhux qed ikompli jipprattika r-reliġjon tiegħu mhux għax ma jridx jagħmel hekk – għalkemm l-ittra tikxef li r-reliġjon tiegħu ma tgħid xejn, għax tidher li hi artifiċjali u superfiċjali – imma qed jużaha bħala arma – għax ma għandux oħra f'idejh. Qed iġib ruħu hekk, biex minn għalih jieħu s-sopravvent fuqek. Hawnhekk l-immaturità tiegħu turi iżjed ruħha, jiddispjaċini ngħid.*

*Xi trid tagħmel? Naħseb li dak li trid tagħmel huwa li ma tagħtihx l-impressjoni li inti trid tkun superjuri għalih f'dak li jinqala' bejnietkom. Trid turih li inti mhux dejjem għandek raġun fl-argumenti li jinqalgħu d-dar. Trid iġġagħlu jifhem li quddiem Alla u missierna t-tjieba safja u bla tebgħa hija din li toqgħod attenta biex tkun mimlija karità u mħabba, iżjed u iżjed meta hu żewġek (Ġak 1:27). Is-sbuħija tal-mara f'darha hi moħbija f'qalbha, imlibbsa b'tiżjin li ma jitħassarx. Hi l-qalb ħelwa u twajba tal-mara li hi għażiża wisq quddiem Alla (1 Pt 3:3-4).*

*Minn dak li għedtli fl-ittra, nista' nifhem li inti għandek bżonn tmut ftit għalik innifsek biex tagħti l-ħajja spiritwali lil żewġek. Ippermettili ngħidlek qabel ma nagħlaq: jekk inti l-iżjed li qed tonqos minn imħabbtek lejh avolja f'affarijiet żgħar, dan ikun ifisser li iżjed qed tonqos int moralment milli qed jonqos ir-raġel tiegħek li fil-mument ħalla l-prattika tar-reliġjon tiegħu. Qed tonqsu fl-iżjed ħaġa għażiża quddiem Alla: ma intix umli miegħu. Ir-raġel tiegħek għandu bżonn jibda jikber fl-istqarrija tar-reliġjon tiegħu. Tkun qed tgħinu jekk turih li bejn kif qed iġġib ruħek miegħu d-dar u bejn kif qed iġġib ruħek il-knisja hemm qbil perfett. Il-ħajja liturġika-sagramentali-devota tiegħek tird tkun iżjed trasparenti spiritwalment.* •



# It-Tarka u x-Xabla



**Nisimgħu spiss xi omm tgħid lil uliedha biex jieklu u jsostnu ruħhom sewwa li ma jmorrux "jaqgħu f'anemija". Meta tkun żgħir min jaf x'timmaġina li hi din l-anemija u taħseb li ommok qed tbeżżak biex tiekol. Fil-fatt din id-darba, kif jiġri spiss, l-omm kellha raġun. Biss mhux in-nuqqas ta' ikel biss jikkawża l-anemija.**

## L-ANEMIJA

Id-demm magħmul minn tliet ċelluli prinċipali: il-ħomor, il-bojod u l-platelets. Iċ-ċelluli l-bojod huma dawk li jiġġieldu kontra l-għadu, jiġifieri kontra l-infezzonijiet l-iktar u għalhekk nistgħu nqisuhom bħala s-suldati tal-ġisem. Il-platelets huma ċelluli iżgħar li jżommu d-demm milli jnixxi meta joħroġ mill-ġisem. Iċ-ċelluli l-ħomor huma dawk li jġorru l-ossiġnu li man-nifs jidħol mill-arja għall-pulmun lejn l-organi tal-ġisem u jieħdu lura l-*carbon dioxide* (li l-ġisem ma jkollux bżonn) mill-organi lejn il-pulmun.

Biex jagħmlu dan, iċ-ċelluli ħomor huma ppakkjati b'sustanza jisimha *haemoglobin*. Din hija s-sustanza li attwalment iġġorr l-ossiġnu. Meta ċ-ċelluli ħomor jonqsu, il-livell tal-*haemoglobin* jonqos u din tissejjaħ anemija. Terminu komuni li jintuża, għalkemm mhux speċifiku, huwa li jitbaxxa d-demm. Is-sintomi u s-sinjali ta' l-anemija jinkludu telqa u għeja, u sensazzjoni tal-qalb tgħaġġel, il-ġilda tibjad u jekk l-anemija tkun qawwija jista' jkun hemm anki qtugħ ta' nifs jew anġina. Xi drabi jistgħu jintefħu l-fwied u l-milsa.

**L-Anemija Tista' Tirriżulta Minn Tliet Proċessi Prinċipali:**

***1. Nuqqas ta' jew difett fil-produzzjoni taċ-ċelluli ħomor***

In-nuqqas ta' produzzjoni taċ-ċelluli l-ħomor mill-mudullun tista' tiġi minn nuqqas ta' sustanzi bħall-ħadid, *folic acid* u vitamina B12. Dan għaliex dawn huma kollha bżonnjużi sabiex il-ġisem jibni l-*haemoglobin*. Dawn is-sustanzi jinstabu kollha fl-ikel. Il-ħadid insibuh fil-laħam, ħut, fażola, u ħaxix varju speċjalment spinaċi. Il-*folic acid* ukoll issibu fl-ispinaċi, kif ukoll fil-fażola u fiċ-ċerejali. Il-vitamina B12 issibha l-iktar fil-laħam, ħut, tjur, bajd, ħalib u ċerejali. Huwa għalhekk li importanti nieklu dieta tajba. Madankollu hemm kundizzjonijiet, pereżempju is-*coeliac disease* li għalkemm tiekol tajjeb, il-musrana ma tassorbix dawn is-sustanzi. Eżempju ta' difett fil-produzzjoni huwa it-*thalassaemia* li hija komuni fil-Mediterran u għalhekk f'Malta. Din hija tip ta' anemija li tista' tintiret.

***2. Meta ċ-ċelluli ħomor jintilfu mill-ġisem***

Kull raġuni għaliex jintilef id-demm mill-ġisem iktar malajr milli jista' jiġi prodott fil-mudullun, jirriżulta f'anemija. Eżempju komuni huwa meta l-mara ikollha menstruwazzjoni (*period*) qawwija. Drabi oħra id-demm joħroġ mill-musrana ma' l-ippurgar. Jekk dan joħroġ f'daqqa, jidher aħmar jew inkella iswed. Iżda jista' joħroġ tant bil-mod li ma tindunax bih.

***3. Meta ċ-ċelluli ħomor jinfaqgħu u jitkissru fil-ġisem***

Dan jissejjaħ *haemolysis*. Hemm diversi kundizzjonijiet fejn iċ-ċelluli ħomor jitkissru mill-ġisem stess. Eżempju huwa meta jkun hemm nuqqas ta' sustanza stabbilizzanti fil-ġisem jisimha *glucose-6-phosphate dehydrogenase* (G6PD). F'din il-kundizzjoni ċ-ċelluli ħomor jinkisru wara xi stress partikulari bħal meta jittieħdu ċertu mediċini jew meta jittieħed il-ful. Meta jinkisru ċ-ċelluli tista' anki toħroġ is-suffejra.

Il-kundizzjonijiet li jistgħu jikkawżaw l-anemija huma ħafna iktar. Dawn jinkludu ċertu mard kroniku, mard tad-demm bħal *leukaemia* jew *lymphoma* u x'infezzjonijiet bħal malarja jew il-*kala azar*. It-tqala wkoll tista' tagħti element ta' anemija.

L-investigazzjoni tibda b'test tad-demm biex tara ċ-ċelluli ħomor u l-livell ta' *haemoglobin*. Meta tikkonferma l-anemija, l-investigazzjoni tkompli skond l-istorja tal-pazjent u l-eżami tat-tabib. Il-kura li tingħata tiddependi mill-kawża. Xi drabi, wara li jittieħdu xi investigazzjonijiet bażiċi, ikollu jingħata d-demm u wara tkompli kura iktar speċifika.

**Nixtiqilkom is-saħħa.**

***Jekk għandek xi diffikultà fuq xi informazzjoni li sibt f'dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem lit-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha.*** •



# LAQGĦA TAL-FRANĠISKANI KAPUĊĊINI INTERNAZZJONALI SSIR F'MALTA

Bejn it-3 u s-7 ta' Mejju 2006 inżammet f'St Joseph Retreat House, Rabat, Malta, il-laqgħa ta' waħda mill-konferenzi ta' l-Ordni Franġiskan Kapuċċin, imsejħa CENOC (Conferentia Europae Nord-Occidentalis Capuccinorum). Din il-konferenza hija magħmula minn tnax-il Provinċja ta' l-Ordni Kapuċċin: Bavarja, Belġjum, Franza, Ingilterra, Innsbruck, Irlanda, Olanda, Rhine-Westphalia, Sud Tirol, Vjenna, Żvizzera u Malta. B'kollox kien hawn Malta sittax-il parteċipant, inkluż Fr John Bednarik, Definitur Ġenerali għal-lingwa Ingliża u Fr Ephrem Bucher, Definitur Ġenerali għal-lingwa Ġermaniża. Fr Joe Alessandro Ministru Provinċjal kien qed jirrappreżenta l-provinċja ta' Malta.



Fost il-punti diskussi kien hemm dak ta' aktar kollaborazzjoni bejn dawn il-provinċji fil-qasam tal-formazzjoni tal-bidu. B'dan il-għan, Fr Godfrey Zarb, Direttur tal-Post Novizzi tal-Kapuċċini Maltin indirizza lil dawn il-parteċipanti. Huwa spjega r-riżultati li ħarġu mil-laqgħa apposta li saret aktar kmieni din is-sena fi Strusburg fuq dan is-suġġett u li għaliha attendew dawk responsabbli mill-formazzjoni tal-bidu fil-provinċji li jiffurmaw din il-konferenza ta' l Ordni Franġiskan Kapuċċin.

Fr Martin Micallef ġie wkoll mistieden sabiex jindirizza din il-konferenza. Huwa ta espożizzjoni fuq it-tmexxija fil-Ħajja Reliġjuża llum billi niseġ xi spunti mill-ħajja ta' San Pietru bħala l-leader ta' l-ewlenin Insara u wera kif dan il-personaġġ bibliku skopra l-qawwa tar-responsabbiltà li Ġesù afdalu f'idejh permezz ta' l-esperjenza tal-falliment li ġarraf minħabba d-dgħufija tiegħu.

Mument sabiħ kienet il-laqgħa fraterna li saret fil-kunvent tal-Kapuċċini Floriana u li għaliha ġew mistiedna l-Aħwa kollha tal-provinċja sabiex ikunu jistgħu jiltaqgħu mal-parteċipanti. Matul din il-laqgħa dawk preżenti kielu flimkien u kellhom il-ħin isiru jafu aktar lil xulxin u l-ħidmiet li qed jitwettqu fil-provinċji rispettivi tagħhom. •









# IL-BAŻILIKA TA' SAN FRANĠISK T'ASSISI

**Fit-tieni artiklu ta' din is-sensiela (April '06) tajna ħarsa lejn xi kappelli li nsibu fil-bażilika tan-nofs. F'din il-ħarġa se nagħtu titwila mal-bażilika li hemm mibnija fuq il-bażilika tan-nofs f'Assisi.**



Għalkemm huma kontemporanji ta' xulxin, imma d-differenza fl-arkitettura taż-żewġ bażilici hi waħda sinifikattiva. L-istil tal-bażilika ta' fuq hu gotiku Franċiż għalkemm dan hu stil anakronistiku. Jista' jkun li minkejja li d-disinn ma sarx minn xi ħadd li hu Franċiż, imma Taljan, dan kien familjari ma' knejjes fi Franza, iżda ma kienx jaf l-istil gotiku sew.

Il-ħitan tal-bażilika ta' fuq huma kollha miksija bl-affreski. Fin-navata naraw l-affreski popolari ta' Giotto (1295-1300) li kollha jitkellmu minn partijiet diversi tal-ħajja tal-qaddis. Fil-fatt kollha nsibuhom fil-Legenda Maior ta' San Bonaventura. Hemm tmienja u għoxrin biċċa. Hawnhekk se nagħtu deskrizzjoni tagħhom:

1. Raġel jitfa' l-mantar tiegħu ma' l-art bħala turija ta' rispett lejn Franġisku fil-pjazza t'Assisi;
2. Il-qaddis jagħti l-mantar tiegħu lil raġel fqir; San Franġisk jara f'ħolma palazz mimli armi u jaħseb li dan hu rigal minn Alla (l-ħolma li hu kellu qabel ma mar jiġġieled ma' Gaultiero ta' Brienne);
3. Quddiem il-Kurċifiss ta' San Damjan fejn il-qaddis jisma' l-vuċi li tgħidlu li kellu jmur isewwi l-Knisja;
4. Fil-pjazza t'Assisi fejn San Franġisk jiċħad għall-ġid ta' missieru. Hawnhekk jidher il-kuntrast li hemm bejn l-istil ta' ħajja li ried jgħix il-qaddis u dak tal-kumplament tal-persuni ta' madwaru.
5. Il-ħolma tal-Papa Innoċenz III li jara lil San Franġisk bħala dak li qed isalva lill-Knisja;
6. L-approvazzjoni tar-Regola mill-istess Papa. F'din il-pittura joħroġ ċar il-kuntrast bejn il-faqar tal-Patrijiet u l-ħwejjeġ sinjuri tal-kardinali;
7. Il-Patrijiet jaraw lill-qaddis f'karru tan-nar. Din il-ġrajja teħodna f'Rivotorto fejn kienu jgħammru l-ewwel Aħwa. Hemmhekk huma jaraw dawl qawwi daqs ix-xemx dieħel fil-kmamar fqajra tagħhom;







8. Dehra tal-glorja li kellu jkun hemm għal dan il-qaddis fil-Ġenna;
9. Il-qaddis joħroġ għadd ta' xjaten mill-belt ta' Arezzo. Dan hu kollu b'mod allegoriku għaliex il-pittura trid turi kif San Franġisk reġa' ġab il-paċi f'din il-belt;
10. Il-mawra tal-qaddis fl-art ta' l-Eġittu waqt il-Kruċjati. Biex jikkonvinċi lis-Sultan li l-messaġġ tiegħu kien awtentiku jgħidlu li kien se jgħaddi min-nar mingħajr ma jiġrilu xejn;
11. Estasi tal-qaddis;
12. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Milied fi Greccio fejn il-qaddis qed iħaddan miegħu lil Ġesù Bambin;
13. Minn art niexfa l-qaddis joħloq għajn ta' ilma sabiex raġel bil-għatx ikun jista' jixrob. Sħabu l-Patrijiet jidhru li mhumiex jindunaw minn dak li qed jiġri filwaqt li l-qaddis qed jitlob sabiex isir dan il-miraklu;
14. Il-priedka tal-qaddis lill-għasafar. Dan hu meqjus bħala wieħed mill-aħjar kwadri ta' Giotto fost dawn it-tmienja u għoxrin għaliex l-artist jirnexxilu juri l-qima li l-qaddis kellu lejn il-ħolqien kollu;
15. Il-mewt ta' raġel minn Celano;
16. Il-qaddis qed iwassal il-Kelma t'Alla quddiem il-Papa Onorju III;
17. Id-dehra tal-qaddis fil-kapitlu ta' Arles;
18. L-għoti tal-pjagi lill-qaddis. X'aktarx li x-xbieha tal-qaddis biss mill-kwadru kollu hu xogħol ta' Giotto;
19. Il-mewt u l-glorja tal-qaddis;
20. Dehra tal-qaddis lil Wistin u l-Isqof Guido t'Assisi;
21. Il-Kavallier Gerolamo jinvestiga l-pjagi tal-qaddis;
22. Santa Klara tilqa' l-mewt ta' San Franġisk. Din x'aktarx li mhijiex xogħol ta' Giotto;
23. Il-kanonizzazzjoni tal-qaddis;
24. Il-qaddis jidher lill-Papa Girgor IX li qabel kien il-Kardinal protettur ta' l-Ordni;
25. Il-qaddis jikkura raġel li kien marid;
26. Il-qaddis iqajjem mara li kienet mejta sabiex tkun tista' terġa tirrikonċilja ruħha m'Alla;
27. Il-qaddis jeħles mill-ħabs raġel li kien akkużat b'ereżija.

Fuq dawn il-pitturi, li kif għedna huma xogħol ta' Giotto, naraw sett ta' pitturi oħra attribwiti lil Cimabue u l-iskola tiegħu flimkien ma' artisti oħra bħal Torriti. Dawn huma xeni mill-Antik u l-Ġdid Testment. Min-naħa tal-lemin ta' l-artal naraw dawn:

1. Id-dawl li jkun isseparat mid-dlam;
2. il-ħolqien ta' Adam;
3. il-ħolqien ta' Eva;
4. id-dnub oriġinali;
5. Adam u Eva mkeċċija mill-ġenna ta' l-art;
6. (dan ma jistax jingħaraf minħabba l-istat li jinsab fih);
7. is-sagrifiċċju ta' Kajjin u Abel;
8. Abel maqtul minn Kajjin;

Taħt dawn nilmħu dawn il ġejjin:

1. l-arka ta' Noe;
2. id-dilluvju;
3. is-sagrifiċċju ta' Iżakk;
4. Abram u l-Anġli;
5. Ġakobb;
6. Eżaw u Iżakk;
7. Ġużeppi mibjugħ minn ħutu;
8. Ħut Ġużeppi.

Fuq in-naħa tax-xellug fil-parti ta' fuq naraw:

1. it-Tħabbira lill-Verġni Marija;
2. il-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Eliżabetta;
3. it-twelid ta' Ġesù;
4. l-Epifanija;
5. il-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju;
6. il-ħarba lejn l-Eġittu;
7. Ġesù jitkellem fit-tempju;
8. il-Magħmudija tal-Mulej;
9. Ġesù fit-tieġ ta' Kana;
10. l-qawmien ta' Lazzru mill-mewt.

Fuq l-istess naħa t'isfel nilmħu:

1. Ġesù maqbud fil-ġnien tal-Ġetsemani;
2. l-Flaġellazzjoni;
3. Ġesù fuq il-Kalvarju;
4. il-Kruċifissjoni;
5. it-tqegħid tal-ġisem mejjet ta' Ġesù fi ħdan ommu Marija;
6. nisa twajba ħdejn il-qabar ta' Ġesù.

Fil-kappellun tax-xellug naraw xeni mill-Apokalissi li huma xogħol ta' Cimabue. Dawn, minkejja l-istat ta' preservazzjoni li jinsabu fihom, huma meqjusa bħala wħud mill-aħjar xogħolijiet ta' dan l-artist. Il-ħġieġa kkulurita (stained glass) li hemm f'dan il-kappellun saret fl-1200 u turi xeni mill-ktieb tal-Ġenesi.

L-apside hi ddominata minn stained glass kbira li tirrappreżenta stejjer mill-Antik Testment u ta' Ġesù. Il-pittura ta' madwarha hi xogħol ta' Cimabue u turina diversi ġrajjiet mill-ħajja tal-Madonna. Ta' min jinnota ukoll il-kor li sar fis-seklu ħmistax b'102 bank interzjat. F'nofs dan il-kor hemm is-sedja papali.

Quddiem dan il-kor hemm l-artal ta' din il bażilika fuq stil ta' Cosmatesco fis-seklu tlettax.

Fil-kappellun tal-lemin hemm numru ta' xogħolijiet li huma attribwiti lil Cimabue. Fihom naraw siltiet mill-ħajja ta' San Pietru u Kruċifissjoni. Fil-ħġieġa kkulurita (stained glass) hemm partijiet oħra mill Antik Testment. •



# SOLIDARJETÁ KUBANA GĦALL-MEWT TA' OMMI

**Jiena wasalt f'Kuba nhar it-Tlieta, 7 ta' Marzu. Kelli vjaġġ twil, imma wkoll kwiet fejn kelli kull ċans li nimmedita dwar dak li għaddejt minnu matul it-tliet ġimgħat ta' qabel fejn spikkat il-mewt ta' l-għażiża ommi. Għaddejt tliet ġimgħat magħkom f'Malta bla ħsieb. Bdejt dawn it-tliet ġimgħat bil-funeral tal-mewt ta' ommi Marianna u spiċċajthom bil-funeral ta' Huna Patri Franġisku Azzopardi. Din hija l-ħajja. Realtà li rridu naċċettawha u li l-fidi tgħinna ferm sabiex naraw l-id ta' Alla f'mumenti bħal dawn u nemmnu f'ħajja aħjar.**

L-esperjenza tal-mewt ta' ommi kienet esperjenza qawwija. Kull iben jgħaddi minn esperjenzi simili fil-mewt ta' xiħadd mill-ġenituri tiegħu. Għalija kienet l-esperjenza tat-Tabor... fejn ħassejt il-preżenza ħelwa ta' Alla għalkemm f'mument ta' swied il-qalb. Għalkemm ma lħaqtx inkun preżenti ħdejn ommi fil-mument ta' l-agonija qasira tagħha, però l-Mulej tani x-xorti li nkun preżenti ma' ħuti l-oħra għall-funeral meta mexxejt il-quddiesa u għamilt l-omelija. Kienu mumenti iebsa, però ħassejt paċi kbira. Il-quddiesa tal-funeral kienet festa. Grazzi għal kull min ipparteċipa u għal kull min ta s-sehem tiegħu sabiex setgħet tkun festa ta' paċi u serenità spiritwali. Nixtieq mill-ġdid nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor wera solidarjetà miegħi u mal-familja tiegħi. Kull persuna, kull ġest, kull preżenza, kull sympathy card li rċevejna, kull telefonat jew email, fuq kollox kull talba kienu għalija u għal ħuti għemejjel li tawna appoġġ u kuraġġ.

Irritornajt Kuba u meta wasalt, ngħid il-verità, bżajt li issa se nsib ruħi waħdi, 'il bogħod minnkom u minn ħuti, u għalhekk fis-solitudni nħoss aktar il-vojt li ħalliet ommi. Però hawnhekk sibt li l-Mulej kien ukoll fidil miegħi. Sibt lill-Kubani jistennewni b'imħabba kbira u b'sens qawwi ta' solidarjetà. Il-komunità ta' Jes'us de Miramar f'La Habana wriet miegħi solidarjetà kbira. Jumejn wara li wasalt Kuba kelli laqgħa mal-Kardinal, l-Emm. Arċisqof Jaime Ortega Alamino, li damet siegħa u nofs u oħra man-Nunzju u s-Segretarju tiegħu, li huwa Malti, u dawn stidnuni għall-ikla ta' filgħaxija magħhom. Dawn kienu ġesti ta' mħabba tassew nisranija fejn ħassejt li l-"Knisja omm spiritwali" qed tagħtina l-appoġġ tagħha meta tlift lil ommi naturali.

Inżilt Santa Clara u hemm sibt baħar ta' appoġġ u solidarjetà. Il-Ħamis 16 ta' Marzu fil-knisja ta' La Pastora, b'inizjattiva tan-nies, ġiet iċċelebrata quddiesa li kienet immexxija mill-Isqof Mons. Arturo Gonzales b'suffraġju għal ommi. Il-knisja imtliet bin-nies ġejjin mill-ħames parroċċi tal-belt ta' Santa



Clara. Waqt l-omelija l-isqof tkellem tajjeb ferm dwar il-vokazzjoni ta' omm il-missjunarju li b'sagrifiċċju tagħti lil binha u tkun lesta li tgħaddi snin minn ħajjitha 'l bogħod minnu u li tmut mingħajr il-preżenza tiegħu maġenbha. Għall-quddiesa talbuni r-ritratt ta' ommi. Jiena kont pront tajthom żewġ ritratti li għandi f'kamarti ta' missieri u ommi flimkien. Dawn ġew imqiegħda fil-ġenb fuq l-artal imdawra b'bukketti ta' fjuri sbieħ li n-nies ġabu magħhom. Fit-tmiem tal-quddiesa nqrat poeżija ddedikata lil ommi filwaqt li f'isem il-parroċċa ta' Santa Ana, b'sorpriża kbira għalija, ġejt irregalat ritratt kbir ta' ommi li ġie meħud minn ritratt ieħor meħud b'camera diġitali. Il-parroċċa ta' Santa Ana ma naqsitx ukoll li tiċċelebra quddiesa oħra b'suffraġju għal ommi b'solidarjetà miegħi nhar il-Ħadd 19 ta' Marzu.

Hawnhekk in-nies, għall-fatt li mietet ommi, ħasbu li m'inix se nirritorna lura f'Kuba. Meta raw li jiena qiegħed mill-ġdid magħhom ferħu u ta' dan irringrazzjawni għall-fatt li jiena f'mumenti bħal dawn bqajt lejali u fidil lejhom u għall-vokazzjoni missjunarja tiegħi. Jiena min-naħa tiegħi għidtilhom li hekk kif ommi ħallietni niġi magħhom bħala missjunarju u tatni l-barka tagħha meta kienet fid-dinja daqshekk ieħor u aktar issa qed tatini l-barka tagħha mis-sema. •



# L-EWKARISTIJA L-IKEL TA' ĦAJJITNA

"Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u qal: 'Ħudu, kulu dan hu ġismi" (Mt 26, 26).

Ġesù ħabbna b'mod ta' l-għaġeb hekk li wasal biex ta ħajtu għalina fuq is-salib, iżda mhux biss, ried jibqa' magħna anki wara li jmut. Ried iħallilna tifkira tiegħu u dan għamlu billi waqqaf is-Sagrament ta' l-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena.

L-Ewkaristija hija l-quċċata ta' l-istorja kollha tas-salvazzjoni; fiha naraw il-pjan preċiż ta' Alla li kellu sa mill-bidu tad-dinja, nibdew min Abraham sa żmien Kristu – pjan li jilħaq il-qofol tiegħu fid-deħra fostna ta' bin Alla li reġa' ħabbibna ma' Alla. Apparti minn hekk, l-Ewkaristija hija l-pedament tal-fidi tagħna, bħalma jfakkarna l-qassis stess meta, wara l-konsagrazzjoni fil-quddiesa, jgħid: **"Dan hu l-misteru tal-fidi tagħna."**

Jeħtieġ nemmnu bis-sħiħ li Kristu jinsab ħaj fl-Ostja Mqaddsa! Inutli li jkollna ħafna statwi, slaleb u santi... minix ngħid li dawn huma ħżiena! Iżda dawn huma biss xbiha tad-divin biex jgħinuna nidħlu f'komunikazzjoni ma' Alla.

Hija ħasra li ħafna minna llum għadhom m'għarfux l-importanza ta' l-Ewkaristija fil-ħajja tagħhom. Li mmorru l-knisja, nisimgħu l-quddies u nitqarbnu hija xi ħaġa li għandha tkun però rridu noqogħdu attenti li dan ma nagħmluhx sempliċiment bħala drawwa, imma nagħmluh għax nifhmu s-sens li l-Ewkaristija tagħti lil ħajjitna u l-bżonn li nirċievu lil Ġesù fina. Li mmorru l-knisja huwa l-ewwel pass ... meta noħorġu minn hemm ma jfissirx li jkun spiċċa kollox... anzi jkun se jibda kollox, fis-sens li l-Ewkaristija trid iġġib bidla fil-ħajja tagħna għax il-qawwa tagħha tibqa' attiva fina anki wara li noħorġu mill-knisja u tibqa' timbuttana biex inkunu lesti li nħobbu lil Alla u lil xulxin. L-effett ta' l-Ewkaristija jidher fit-tajjeb li nwettqu u fil-ġenerożità tagħna kemm ma' Alla u kemm ma' ħaddieħor.

Kull xahar il-grupp tagħna jagħmel adorazzjoni li titmexxa minn persuni differenti. Fiha jkollna ċ-ċans li nieqfu ftit mill-ġirja tal-ħajja u nirriflettu quddiem is-Salvatur tagħna fuq dak li jkun qed jiġri madwarna u f'ħajjitna. B'ħerqa nistennew lil Ġesù jiġi f'nofsna biex infaħħruh u nitolbuh flimkien bħala kommunità żgħira. Ikollna mumenti uniċi fejn kull wieħed minna jżomm fis-skiet is-Sagrament f'idu għal ftit tal-ħin li għalija dik tkun l-isbaħ parti mill-adorazzjoni li nkun ili nistenna. L-Ewkaristija tagħtina l-qawwa biex inkomplu mexjin lejn dak li aħna msejħin għalih. Hija ħaġa diffiċli li ngħixu ż-żgħożija tagħna fuq il-passi ta' San Franġisk mingħajr l-għajnuna ta' Ġesù.

L-Ewkaristija ġġegħlek tħoss affarijiet li d-dinja ma tafx tagħti, u dan kollu, filwaqt li jagħmilli kuraġġ, jagħtini x'nifhem li **"aħna maħluqin mill-imħabba u għall-imħabba."** L-imħabba li jagħtina Alla ma tistax tibqa' fina, iżda rridu ngħadduha lil ħutna l-bnedmin li fihom naraw lil Kristu – Kristu li spiċċa vittma fuq is-salib biex aħna sirna verament liberi! •



# IMMA LILI JSEJJAĦLI L-MULEJ!

**U l-Mulej ġie u sejjaħ, waqaf ħdejh, u sejjaħ bħal drabi oħra: "Samwel!, Samwel!" U Samwel wieġeb: "Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'" (1 Sawl 3:10)**

Bla dubju ta' xejn, bosta minna żgur li xi darba jew oħra mhux biss semgħu dawn iż-żewġ versi, imma għal diversi drabi għaddewlhom minn moħħhom aktar u aktar meta sabu ruħhom f'salib it-toroq biex jagħmlu l-għażla jew xi għażliet matul ħajjithom. "Tgħid lili sejjaħli jew għad irid isejjaħli? Tgħid isejjaħli bħal Sawl jew b'xi mod ieħor u nasal li ma nindunax? U jsejjaħli kif isejjaħli lest biex nisimgħu... lest biex nagħtih l-istess risposta bħal ta' Sawl?"

Bosta drabi niġu mqarrqa għax naħsbu li Alla qatt ma kellimna, qatt ma sejħilna. Alla kellimna sa mill-bidu taż-żminijiet. Iftħu l-Kotba Mqaddsa. Alla kellimna permezz ta' l-antenati tagħna, permezz tal-profeti u permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu li hu l-istess glorja ta' Alla u li wera l-umanità ta' Alla. Alla għadu jkellimna b'dak kollu li hawn madwarna... il-ħolqien tiegħu, imma fuq kollox għadu jkellimna permezz ta' Ġesù. Irridu nżommu f'moħħna li Ġesù hu l-milja tar-revelazzjoni t'Alla u jekk verament irridu nisimgħu lil Alla jkellimna u jurina t-triqat li għandna naqbdu, x'għandna nagħmlu, kif għandna nġibu ruħna, irridu nduru lejn Ġesù.



**"Id-dixxipli daru lejh".** Hekk naqraw fl-Evanġelju. San Ġwann l-Evanġelista sejjaħlu l-ħaruf t'Alla, isem speċjali, laqam jew isem li Isaija ġa kien tkellem dwar il-qaddej tal-Mulej li kellu joffri lilu nnifsu lil Alla bħala sagrifiċċju. Id-dixxipli ndunaw b'dik ix-xi ħaġa speċjali li kellu Ġesù, dik ix-xi ħaġa li setgħet tqarribhom lejn Jaħwe. Smajna bosta siltiet fl-Evanġelju dwar x'riedu jkunu jafu d-dixxipli dwar Alla mingħand Ġesù... u min jaf kif konna nġibu ruħna li konna flokhom. Naturalment ix-xewqat tagħna żgur li jkunu kif nersqu aktar qrib Alla, kif l-istess umanità tagħna tkun tista' togħġob lil Alla. Żgur li qed taħsbu li aħna m'aħniex ngħixu qrib Ġesù u forsi dawn ix-xewqat ma nistgħux naqtgħuhom, imma tajjeb li wieħed jiftakar li dawk id-dixxipli li għexu tant qrib Ġesù, semgħuh jgħallem, jafu x'valuri kien iħaddan, ħallewlna kollox miktub fl-Evanġelju u jekk naqrawh sew, nifhmuh sew, mhux kif jaqbel lilna... allura nkunu nistgħu nimxu warajh.

Hu għaldaqstant li nhar ta' ħadd immorru nisimgħu l-Kelma t'Alla... biex inkunu nafu aktar min hu Ġesù u meta nsiru nafuh, jgħinna nagħrfu kif għaraf lilu nnifsu missier il-poeżija Maltija, Dun Karm meta kiteb "Il-'Jien' u lilhinn minnu".

B'hekk biss nimtlew bit-tama anki f'din id-dinja mnawra b'tant ħażen. Imma rridu nkunu disposti li nilqgħu s-siltiet mill-Evanġelju, nisimgħuhom ġimgħa wara l-oħra u jekk jista' jkun ta' kuljum. Insibu żmien biex nitolbu, nirriflettu fuq kliem Ġesù u waqt li nkunu qed nagħmlu dan kollu Alla jkun qed imexxina.

Naturalment dan mhux kollu faċli għax irridu nissieltu l-ħin kollu... għandna xi jżommna l-bogħod... għandna d-dinja bit-tlellix tagħha. F'San Luqa naqraw li għandna ninvestu fil-Mulej, investiment li ħadd ma jista' jisraqulna... għax fejn ninvestu hemm qiegħda qalbna. Veru li d-dinja tiġbidna lejha, imma hu hawn fejn jidħol dak li għallem Ġesù. Irridu nitgħallmu nissieltu, nissieltu anki jekk biss niftakru fuq it-tagħlim tal-muntanja. It-tmien Beatudinijiet li nistgħu nsejħulhom ġabra fil-qosor tal-ħajja Nisranija kif mgħallma minn Sidna Ġesù Kristu.

Ma nistgħux inħallu barra t-tifsira tal-messaġġ ta' Ġesù li kien ta l-mibki, iżda qatt minsi, Ġwanni Pawlu II, meta fakkarna minn xiex għadda Ġesù sa minn twelidu, esperjenzi li ngħaddu minnhom matul ħajjitna, ibda mill-faqar li twieled fih; kien eżiljat flimkien ma' Marija u Ġużeppi; mgħajjar għall-fatt li qatt ma warrab lil ħadd, l-anqas il- midinbin; għax kien ikun mistieden għall-ikel; iltaqa' ma' dawk tat-taxxi; u dan bla ma ninsew il-mewta ta' l-agħar kriminal fuq is-salib... imma dejjem bierek il-fqar fl-ispirtu u li dejjem tenna li tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet. Għalhekk Ġwanni Pawlu II kien insista li minkejja l-konsumeriżmu eseġerat li qed ikompli jbiegħed minn xulxin lis-sinjuri u lill-fqar, irridu nagħmlu minn kollox biex nilbsu lil Kristu billi nkunu moderati u sempliċi f'dak kollu li nagħmlu kull ġurnata ta' ħajjitna.

Huwa fatt li jekk se nimxu wara Kristu se niġu sfidati, irridu nkunu l-Knisja ħajja ta' Kristu. Iebsa, imma rridu dejjem niftakru kif għex Kristu li kien ippersegwitat... ħaġa li kien bassar lill-istess dixxipli tiegħu... li jekk iħobbuh iridu jiġu ppersegwitati bħalu. U minkejja l-persekuzzjoni kollha, Kristu qatt ma kien vjolenti anzi kien l-ħaruf ġwejjed lest għas-sagrifiċċju, xi ħaġa li nios bħal Ghandi u Martin Luther King u bosta oħrajn, li minkejja li forsi ma ħaddnux l-istess twemmin tagħna, għarfu li l-vjolenza tkattar il-vjolenza. Ħarsu madwarna... il-Lvant Nofsani fejn għex Ġesù, l-Iraq, fl-Afrika...u tibqa' sejjer.

Irridu nieqfu! Irridu nisimgħu lil Ġesù biex nafdaw f'Alla! Irridu ninvestu tajjeb... għax hemm tkun qalbna. Forsi ilna nitolbu lil Alla u ma wasalniex! Imma ppruvajna nsibu t-triq lejn Alla, ippruvajna nitolbuh xi jrid minna kif għamel Ġesù! Imma ppruvajna verament nimxu wara Ġesù... **Hu t-Triq!** •

# ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal, din hi rokna għalikom. Sibu l-kliem mitlufin.

**Pajjiżi u Bliet**

| | |
|---|---|
| AŻOTU | LISTRA |
| BABILONJA | MIDJAN |
| ĊESARIJA | PAFOS |
| DAMASKU | PERĠE |
| ETJOPJA | PISIDJA |
| FENIĊJA | SALAMINA |
| ĠAFFA | SAMARIJA |
| GAŻA | SELEWKJA |
| ĦARAN | SIKEM |
| LIDDA | TARSU |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | F | S | I | K | E | M | T | A | R | S | U |
| Ġ | A | E | T | L | I | S | T | R | A | Ħ | K |
| F | Ż | M | N | A | R | A | Ħ | Ġ | J | P | S |
| A | O | Ż | A | I | O | Ż | A | E | P | E | A |
| J | T | B | Q | R | C | N | T | M | O | R | M |
| K | U | S | A | M | I | J | U | L | J | Ġ | A |
| W | S | W | B | M | W | J | A | D | T | E | D |
| E | O | P | A | J | I | R | A | S | E | Ċ | Ġ |
| L | F | L | B | T | A | R | D | G | P | H | A |
| E | A | I | P | I | S | I | D | J | A | Q | F |
| S | P | D | N | A | J | D | I | M | F | Ż | F |
| Ż | M | A | B | A | B | I | L | O | N | J | A |

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14.**

**Ir-Rebbieħ ta' Mejju 2006 hija: Bernard Sant – San Ġwann**

**Nifirħulek!**

# TISLIBA - 64



1. Hekk għamlu lejn Gittajm. (2 Sam 4,3) **(5)**
2. ..., ġusti, fil-Mulej. (S 97,12) **(6)**
3. Minn dawn ma baqa' ħadd ħaj. (2 Kron 14,12) **(5)**
4. ... miegħek il-mantar. (2 Tim 4,13) **(5)**
5. Fid-dehriet u f'dan kollu. (Dan 1,17) **(4)**
6. Jinqerdu, ..., u jibqa'. (Żak 13,8) **(5)**
7. Hekk għamlu lil xulxin. (Kol 3,13) **(5)**
8. X'jagħmel lill-kelma tiegħu. (1 Ġw 2,5) **(5)**
9. Fejn mar Ġotam. (Mħ 9,21) **(3)**
10. Għandhom ilsienhom hekk. (Bar 6,7) **(7)**
11. u 12. Jibdel il-jiem fil-lejl hekk. (Għam 5,8) **(6)**
13. Oġġetti ta' dan u injam. (Apk 18,12) **(6)**
14. Meta wasalt hawn. (2 Kor 2,12) **(5)**
15. Kif jagħmilkom għas-sejħa tiegħu. (2 Tess 1,11) **(5)**
16. Din bagħta lil Onija. (1 mak 12,7) **(5)**
17. Ma ssibx minnhu. (Għerf 8,16) **(5)**
18. Ulied... u kabbart. (Is 1,2) **(7)**
19. Missier Eżekjel. (Eżek 1,3) **(4)**
20. Din tal-mara ta' Xmun. (Mk 1,30) **(3)**
21. Misier Għażarel. (Neħ 11,13) **(5)**
22. "... l-Mulej". (Ġw 20,25) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' MEJJU 2006:**
***1. Barka; 2. Ċappsu; 3. Safja; 4. Ramel; 5. Araw; 6. Kburi; 7. Amana; 8. Aħrab; 9. Kap; 10. Jwerwer; 11. u 12. Fuħħar; 13. Artali; 14. Bjuda; 15. Blata; 16. Mulej; 17. Stess; 18. Jitolbu; 19. Triq; 20. Tat; 21. Dritt; 22. Eħles.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14***

**Ir-Rebbieħa ta' Mejju 2006 hija: Helen Dalli - Sliema. Nifirħulek!**

# SEGRETARJAT TAL-MISSJONI

**Nirringrazzjaw ħafna lil dawk il-benefatturi kbar tagħna li fil-bidu ta' kull xahar jqassmu din ir-rivista f'ħafna postijiet f'Malta u Għawdex għax qed niffrankaw ħafna mill-ispejjeż tal-posta u b'dak li niffrankaw inkunu nistgħu ngħinu lill-missjunarji għeżież tagħna.**

## Distributuri voluntiera

Mr Joseph Farrugia - Sliema
Mr Charles Cutajar - Zebbug
Mr Paul Vella – Birkirkara
Miss Emma Muscat u Miss Joyce Pace - Tarxien
Mr Carmelo Micallef – Marsa
Mr Frans Vella – Fgura
Mr Anthony Attard – Għawdex
Mr Michael Zammit - Zejtun
Mrs Mary Hammett – Luqa
Mr Paul Zammit - Zurrieq
Mr Salvu Grima – Mosta
Mr Mario Zammit – Qormi
Mr Alfred Scicluna – Naxxar, Għargħur, Lija, Attard u Balzan
Miss Giusa Conti - Ħamrun
Mrs Catherine Zammit – Gudja
Mrs Bearice Catania Maistre - San Pawl il-Baħar.
Mr Charles Buġeja – Għaxaq
Mrs J. Muscat – Floriana
Mr Lawrence Sammut - Mtarfa
Mr Dorian Holland – Valletta
Komunità ta' Għajn Dwieli – Paola
OFS Santa Liberata – Kalkara
Gruppi San P. Pio - Żabbar

## Distributuri tal-fuljett parrokkjali tal-parroċċi ta' San Ġwann, Marija Reġina, Sannat, Għarb, San Lawrenz, Munxar u Għajnsielem.

Nirringrazzjaw ħafna wkoll li dawk kollha li jiġu jgħinuna biex norganizzaw id-distribuzzjoni tar-rivista meta tasal mingħand l-istampatur u nqassmu u nibagħtu l-kopji lil dawk li jqassmuha jew bil-posta fejn ma għandniex minn iqassmaha bl-idejn.

Bħalissa qed jitqassmu 8,000 kopja f'Malta u Għawdex. Nixtiequ li nkomplu nżidu abbonati ġodda u nagħmlu appell biex iktar nies jgħinuna biex inkopru l-ispejjeż.

Għandna bżonn ta' distributuri biex iqassmu r-rivista DAWL FRANĠISKAN f'dawn il-postijiet:

Birżebbuġia, Marsaxlokk, Kirkop, Qrendi, Safi, Bormla, Birgu, Isla, Santa Luċia, Marsascala, Mġarr, Burmarrad, Iklin, Swieqi, San Ġiljan, Pietà, Gwardamanġia, Gżira, Msida, Pembroke, St Andrews, Baħar iċ-Ċagħaq, Dingli.

## GĦALL-BEJGĦ

F'Uffiċċju Missjunarju l-Kapuċċini, il-Furjana, għandna xi oġġetti li ġew mogħtija minn benefatturi tagħna u nixtiequ nbigħuhom biex nibagħtu l-flus il-Missjoni.

- **Orgni elettroniku GEM li nxtara Lm340 u qatt ma ntuża.**
- **KETTLER U PRO-ABS kważi ġodda.**



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**